ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

DOKUMENT TAS-SINODU DJOĊESAN



# ADOLEXXENTI U ŻGĦAŻAGĦ

SINODU MALTA

DOKUMENT TAS-SINODU DJOĊESAN

# ADOLEXXENTI U ŻGĦAŻAGĦ

"JIEN ĠEJT
BIEX IKOLLKOM IL-ĦAJJA"

(Ġw 10,10)

sinodu MALTA

2003

ISBN: 99932 - 49 - 11 - 2

© Arċidjoċesi ta' Malta, Floriana, 2003

Produzzjoni tal-Media Centre Publications

Stampat fil-Media Centre, Blata l-Bajda

# WERREJ

Preżentazzjoni v

Kap I
Il-Viżjoni tagħna 1

Kap II
Il-Ħajja Komunitarja 16

Kap III
Ix-Xandir tal-Kelma 23

Kap IV
Komunità li tiċċelebra 31

Kap V
Id-Djakonija 38

Kap VI
Prinċipji-gwida għall-ħidma pastorali
maż-żgħażagħ 47

# PREŻENTAZZJONI

Dan id-dokument jittratta l-ħidma pastorali ma' l-adolexxenti u ż-żgħażagħ - qasam ta' importanza kbira għall-Knisja f'Malta. Iż-żgħażagħ (f'etajiet differenti) m'humiex biss "il-Knisja ta' għada" imma huma parti importanti mir-realtà tal-Knisja llum.

Minbarra li jagħti l-viżjoni li għandha tanima din il-ħidma pastorali, id-dokument iħares lejn erba' aspetti prinċipali: il-ħajja komunitarja, ix-xandir tal-Kelma, iċ-ċelebrazzjoni u d-djakonija - kollha b'rabta ma' din il-ħidma pastorali.

Id-dokument juri l-bżonn li ż-żgħażagħ ikunu protagonisti fil-Knisja u fis-soċjetà u li jagħtu s-sehem sħiħ tagħhom fl-istess ħidma pastorali li ssir fosthom.

Jitkellem fuq il-ħtieġa li l-Knisja:

- tgħin biex il-fidi taż-żgħażagħ tinbena fuq relazzjoni personali ma' Alla, u li għalhekk iż-żgħażagħ jagħmlu għażla matura u ġenwina ta' Kristu u l-valuri tiegħu;
- tifhem il-kultura taż-żgħażagħ, titkellem bil-lingwaġġ tagħhom u timxi magħhom fit-triq tal-ħajja;
- tikkoordina l-ħidma pastorali li ssir fost iż-żgħażagħ, fl-ambjenti differenti bħalma huma l-parroċċi, l-għaqdiet u l-movimenti, l-iskejjel, il-postijiet tax-xogħol, il-postijiet tad-divertiment;
- tagħti attenzjoni partikulari lil dawk iż-żgħażagħ li jinsabu b'xi mod emarġinati jew jgħaddu minn żminijiet diffiċli.

Id-dokument jagħti ħarsa lejn is-sitwazzjoni preżenti u jagħmel proposti. Fost dawn, li l-istruttura li tieħu ħsieb, fuq livell djoċesan, il-pastorali maż-żgħażagħ - il-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ - tiġġedded fejn meħtieġ biex tkun tirrifletti l-ħtiġijiet u r-realtajiet pastorali ġodda li qed jolqtu dan is-settur.

Proposta oħra hi li żgħażagħ stess ikunu mħarrġa biex jaħdmu f'dan il-kamp bħala *youth ministers* u *youth leaders*, fiċ-ċentri taż-żgħażagħ stess u f'oqsma oħra. Issir enfasi wkoll fuq il-formazzjoni spiritwali tagħhom.

Attenzjoni partikulari għandha tingħata lill-iskejjel li huma post importanti għall-pastorali maż-żgħażagħ. Ħafna jista' jsir ukoll mill-għaqdiet, movimenti u gruppi jekk dawn jaħdmu f'kollaborazzjoni vera bejniethom għall-ġid taż-żgħażagħ kollha.

Fit-tmiem tad-dokument, hemm numru ta' prinċipji-gwida li għandhom ikunu ta' siwi kbir għall-Knisja f'Malta fil-ħidma pastorali f'dan il-qasam.

Hija t-tama tas-Sinodu Djoċesan li dan id-dokument ikun ta' ispirazzjoni u għajnuna għal kull min qed jagħti sehmu f'ħidma ma' l-adolexxenti u maż-żgħażagħ.



# Kap I

# IL-VIŻJONI TAGĦNA

## Alla hu Ħajja

1

Alla hekk ħabb lid-dinja li sar bniedem sabiex aħna jkollna l-ħajja bil-kotra (ara Ġw 3,16; 1,14; 10,10). Din il-verità hi ċentrali għall-pastorali ma' l-adolexxenti u maż-żgħażagħ li għalihom iċ-ċelebrazzjoni tal-ħajja nfisha hi tant importanti. Tul ir-rakkonti fl-Iskrittura nsibu enfasizzat li Alla hu qrib il-poplu tiegħu; li hu mal-poplu tiegħu biex jeħlishom minn kull jasar (ara Eż 3,7-8) u jagħtihom ħajja ġdida, li jagħmilhom bnedmin ġodda (ara Eż 11,19) b'dinjità ogħla mill-ewwel ġenituri tagħna.[1] L-iskop ta' l-istorja tas-salvazzjoni hu li l-Ispirtu jsawwarna fuq ix-xbieha ta' Kristu u jagħtina sehem mill-ħajja divina tiegħu (ara 2 Pt 1,4).[2] "L-Iben ta' Alla sar bniedem biex jagħmilna allat."[3]

## X'ifisser dan għall-pastorali maż-żgħażagħ

2

L-implikazzjonijiet ta' dawn il-veritajiet għall-pastorali taż-żgħażagħ[4] huma li jqiegħdu fiċ-ċentru li:

(i) **Alla hu l-ħajja u l-imħabba**. Il-qies ta' kull azzjoni tagħna jitkejjel fuq jekk aħna bħala Knisja hux qed inxerrdu kultura u azzjoni li twassal għal ħajja akbar u jekk l-azzjoni tagħna hijiex immexxija mill-imħabba u twassal għall-imħabba.

(ii) Minħabba li Alla hu ħajja, hu wkoll **Alla li jeħlisna minn kull sitwazzjoni li ġġib mewt magħha**. Għalhekk anki l-azzjoni tagħna

[1] Ara Luis F. Ladaria, *Antropologia teologica*, Roma 1995, 150-151.

[2] *Ara Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* (1992), par. 460; ara San Irinew, *Adversus Haereses* IV, 33,4.

[3] Ara *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika,* par. 460; ara San Atanasju ta' Lixandra, *De Incarnatione*, 54,3.

[4] Tul id-dokument, il-kelma "żgħażagħ" se tkun tinkludi żgħażagħ f'etajiet differenti, jiġifieri l-adolexxenti wkoll, sakemm ma jkunx indikat mod ieħor.

trid tkun waħda li teħles lill-membri kollha tal-komunità li temmen, inklużi ż-żgħażagħ, minn kull jasar;

(iii) **Alla jidħol fl-istorja ta' kull bniedem**. Għalhekk kull pastorali trid tkun inkarnata fil-ħajja taż-żgħażagħ; għandha tagħraf li Alla hu realment preżenti fihom u fil-ħajja tagħhom;

(iv) **Kristu hu ċ-ċentru ta' kull azzjoni**, u kull azzjoni trid twassal lil Kristu u għand Kristu. Għalhekk kull ħidma pastorali fost iż-żgħażagħ għandha tgħinhom jagħrfu s-sejħa li Kristu qed jistedinhom għaliha;

(v) **Alla hu magħna u jimxi magħna tul ħajjitna kollha**. Kristu jimxi mal-Knisja tiegħu u jiċċelebra l-ħajja tiegħu magħha bħalma għamel mad-dixxipli meta hu qam mill-mewt. Daqstant ieħor il-pastorali trid tkun sinjal ta' preżenza ma' kull bniedem fil-hena u t-tama, fin-niket u tħassib tiegħu, u mixja flimkien;

(vi) **Il-bniedem permezz tal-ħajja fi Kristu hu merfugħ għal dinjità ogħla** minn dik li oriġinarjament kien maħluq fiha. Għalhekk kull azzjoni tal-komunità li temmen trid tħabbar, tħares u twassal għall-għajxien aktar sħiħ tad-dinjità ta' kull persuna.

## Nisimgħu l-Ispirtu

3

"Imma d-Difensur, l-Ispirtu s-Santu, li l-Missier jibgħat f'ismi, jgħallimkom kollox u jfakkarkom dak kollu li għedtilkom... Meta jiġi hu, l-Ispirtu tal-verità, iwassalkom għall-verità kollha; għaliex hu ma jgħid xejn minn tiegħu, imma jgħid dak li jisma', u jħabbrilkom il-ġejjieni." (Ġw 14,26; 16,13)

Il-Knisja, bħala l-Poplu ta' Alla fid-dinja, għandha r-responsabbiltà li taqra s-sinjali taż-żminijiet fid-dawl ta' l-Evanġelju biex b'hekk tkun tista' twieġeb aħjar għall-ħtiġijiet taż-żmien li tkun qed tgħix fih.[5] Hu għalhekk li l-Knisja trid tkun miftuħa dejjem għall-vuċi ta' l-Ispirtu ta' Alla li jitkellem

[5] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et Spes* (7 ta' Diċembru 1965), 4.

ukoll fid-dinja taż-żgħażagħ ta' llum. Dan il-proċess irid ikun wieħed ibbażat fuq ir-riċerka u jrid jinqara fid-dawl tar-Rivelazzjoni.

## Riċerka fuq iż-żgħażagħ

4

Ir-riċerka fuq is-sitwazzjoni taż-żgħażagħ hi limitata u ilha ftit li saret. Hu importanti li ssir riċerka wiesgħa mill-iktar fis possibbli. Madanakollu, l-istħarriġ li sar juri kif hemm ħafna elementi pożittivi fiż-żgħażagħ tagħna,[6] fosthom:

(i) il-valuri tal-familja[7] (b'mod partikulari jidher li ż-żgħażagħ jagħtu valur lill-ġenituri, l-imħabba matura, is-sigurtà li tagħti l-familja);[8]

(ii) l-għatx biex jikkomunikaw u jiffurmaw gruppi, kemm formali u, iżjed u iżjed, informali (f'dawn l-aħħar għaxar snin żdied, speċjalment fost iż-żgħażagħ, l-użu ta' mezzi ta' komunikazzjoni biex jinbnew *networks* u jissaħħu gruppi);[9]

(iii) il-valuri ta' ġustizzja soċjali u ta' disponibbiltà biex jgħinu lil ħaddieħor huma meqjusa importanti ħafna miż-żgħażagħ. Il-ġenerożità, l-enerġija u l-entużjażmu jidhru fil-konkret fid-diversi għaqdiet u attivitajiet ta' volontarjat;[10]

(iv) il-kapaċità kbira li jesprimu l-ferħ u s-sens ta' ċelebrazzjoni tal-ħajja. Dan jidher mhux biss fil-postijiet tad-divertiment iżda wkoll fid-diversi għaqdiet, reliġjużi u mhux, li għandna f'Malta;

(v) il-valur dejjem jikber tas-sens tal-għarfien ta' l-individwalità unika tagħhom infushom.[11]

6 Ara Anthony M. Abela, *Transmitting Values in European Malta. A Study in the Contemporary Values of Modern Society*, Malta-Rome 1991; Id., *Changing Youth Culture in Malta*, Malta 1992; Id., *Secularised Sexuality. Youth Values in a City-Island*, Malta 1998; Id., *Values of Women and Men in the Maltese Islands. A Comparative European perspective*, Malta 2000; Id., *Youth Participation in Voluntary Organisations in Malta. A Comparative Analysis of European Values Studies*, Malta 2001.

7 Ara Anthony M. Abela, *Shifting Family Values in Malta. A Western European Perspective,* Malta 1994; Carmel Tabone, *Maltese Families in Transition*, Malta 1995: ara wkoll *Youth Participation in Voluntary Organisations in Malta*, 82.

8 Ara Mario Pollo, *La condizione giovanile a Malta. Rapporto finale*, Malta 1995, 50.

9 Fost l-oħrajn ta' min isemmi l-fenomeni ta' l-*ICQ*, ta' żieda fit-telefonija ċellulari, *e-mails* u l-*SMS*.

10 Ara *La condizione giovanile a Malta*, 50

11 *Ibid.*

Madankollu l-istudji sa issa juru kif donnu, aktar ma jgħaddi ż-żmien, aktar iż-żgħażagħ qed jiġu aljenati mill-ħajja tal-Knisja fosthom. Għalkemm il-maġġoranza kbira taż-żgħażagħ Maltin (84.7%) iqisu li r-reliġjon hi importanti jew importanti ħafna f'ħajjithom jidher ċar li qed iħossu dejjem aktar li jistgħu jipprattikaw ir-reliġjon b'mod individwali.[12] Hemm ukoll numru kbir ta' żgħażagħ (41%) li ma jħossuhomx sodisfatti bir-risposti li l-Knisja tagħti għall-problemi soċjali ta' llum.[13] Fi stħarriġ li kien sar fl-1995, kien ħareġ ċar li l-pastorali taż-żgħażagħ kienet nieqsa jew inkella ma kinux jinħassux l-effetti tagħha.[14] Infatti, studji oħra juru kif perċentwal żgħir taż-żgħażagħ qegħdin f'movimenti jew f'xi għaqda tal-Knisja.[15]

## Għanijiet, xogħol u metodu f'ħidma pastorali maż-żgħażagħ

**5**

Iż-żgħożija tista' titqies bħala fażi ta' transizzjoni mid-dinja tat-tfulija għal dik adulta. Dan id-dokument jitkellem dwar dawk il-persuni li għadhom ma ħadux impenn stabbli fil-ħajja, li tibda mill-perjodu ta' l-adolexxenza sa qabel l-età adulta.

Kif se naslu? Kristu hu l-"Imgħallem Tajjeb" (Mk 10,17) li jurina l-mod ta' kif nistgħu naslu għal qalb il-bniedem. Bħall-membri kollha tal-komunità nisranija, iżda forsi b'mod speċjali, iż-żgħażagħ qegħdin f'mixja ta' żvilupp

12 Ara *Secularised Sexuality. Youth Values in a City-Island*, 47.

13 *Ibid.,* 47-48.

14 Ara *La condizione giovanile a Malta*, 74-75. Minn dak l-istħarriġ kien irriżulta li sezzjoni kbira taż-żgħażagħ Maltin (47.1%) iħossu li l-Knisja mhix tagħmel biżżejjed (19.7%) jew xejn (6.9%) jew li dak li qed tagħmel mhux rilevanti għalihom (20.5%). Mill-istħarriġ ħareġ li 11.8% taż-żgħażagħ biss jattendu attivitajiet organizzati mill-Knisja. Dan il-perċentwali (żgħażagħ bejn 16 u 25 sena, bl-età medja ta' 21.1) ikompli jidher żgħir meta wieħed iqabbel ma' studju ieħor li sar fl-istess żmien ma' żgħażagħ Taljani (bejn 14 u 19-il sena, bl-età medja ta' 16.44). Għall-istess domanda jidher li 31.9% taż-żgħażagħ Taljani jistgħu jitqiesu bħal parti integrali mill-komunità nisranija. Anki jekk hemm differenza ta' erba' snin u nofs, ma jidhirx li hemm ġustifikazzjoni għad-differenza ta' perċentwal ta' 20.1%, speċjalment meta wieħed jikkonsidra li s-soċjetà Taljana hi bil-qabda aktar sekulari mis-soċjetà Maltija.

15 Ara *Youth Participation in Voluntary Organisations in Malta,* 7, 8 u 14.

u ta' maturazzjoni fil-fidi. Il-Knisja, permezz ta' l-operaturi pastorali, ġenituri u għalliema, trid tkun preżenti tul din il-mixja, tisma' t-tħassib, il-ferħ, it-tamiet u d-dieqa ta' kull żagħżugħ u żagħżugħa, tiddjaloga magħhom, twassalhom għall-għarfien ta' l-Aħbar it-Tajba f'ħajjithom u tiċċelebra magħhom il-ħajja. Din il-mixja trid twassal iż-żgħażagħ stess biex jagħrfu s-sejħa tagħhom u jkollhom sehem sħiħ fl-evanġelizzazzjoni fl-ambjenti tagħhom. Trid tnissel fihom entużjażmu biex ikunu protagonisti fil-bini ta' dinja aħjar imsawra iżjed fuq valuri ta' l-Evanġelju.

## Il-pedagoġija ta' Ġesù

6

L-Evanġelju hu ċar: Ġesù tul ħajtu addotta pedagoġija li tqiegħed il-persuna umana, bl-istorja u bil-bżonnijiet personali tagħha, fl-ewwel post.[16] F'dan is-sens, il-Knisja għandha ħafna x'titgħallem mill-Imgħallem tagħha. Bl-istess mod, il-Knisja trid tagħraf taddotta metodi pastorali li jolqtu l-ħtiġijiet personali ta' kull żagħżugħ u żagħżugħa.

## Il-preżenza pastorali tal-Knisja

7

Hu wkoll ċar li, bosta drabi, id-dixxipli tħawdu. U jekk dawk ta' ġewwa tħawdu, kemm iktar jistgħu jitħawdu dawk li huma fil-periferija? Il-preżenza pastorali li toffri l-Knisja għandha tħares mhux biss lejn dawk li huma "ta' ġewwa", imma tagħti attenzjoni speċjali wkoll, u tisma', lil dawk li jinsabu fil-periferija jew saħansitra 'l barra mill-ħajja tagħha. Għandha tgħin biex jinħoloq ambjent li fih iż-żgħażagħ juru disponibbiltà li jisimgħu u jwieġbu b'ġenerożità għas-sejħat li l-Mulej jagħmlilhom fil-ħajja tagħhom.

16 Ara Adrian-Mario Gellel, "The Individualised Pedagogy of Christ", *Melita Theologica* 52/1 (2001) 51-66.

## Ħidma pastorali ma' kategoriji differenti ta' żgħażagħ

8

Għaldaqstant, il-pastorali tal-Knisja fost u maż-żgħażagħ trid tagħti attenzjoni lil tliet kategoriji ta' żgħażagħ:

(i) **Żgħażagħ li huma membri attivi fil-Knisja**

Dawn huma t-tama konkreta u immedjata tal-Knisja. Hu permezz ta' dawn iż-żgħażagħ li l-Knisja tista' tersaq b'mod privileġġjat lejn id-dinja żagħżugħa u tinbena f'komunità aktar ħajja. Hu għalhekk li l-komunità sħiħa għandha d-dmir li ssostni dawn iż-żgħażagħ fil-mixja tagħhom fil-fidi u fir-relazzjoni ma' Alla, tismagħhom u tilqa' l-ħidma tagħhom bħala xhieda ta' Kristu u ta' l-Aħbar it-Tajba tiegħu fost iż-żgħażagħ sħabhom.

(ii) **Dawk li jipprattikaw ir-reliġjon b'mod iżjed "kulturali"**

Hemm numru mdaqqas ta' żgħażagħ li jistgħu jitqiesu bħala nsara kulturalment, iżda li qatt m'għamlu għażla profonda favur il-Mulej u l-Knisja tiegħu. Il-Knisja trid tibni fuq l-elementi kulturali li jgħaqqduna, u turi li hi tassew interessata fil-ħajja tagħhom u li huma verament għal qalbha. Il-Knisja għandha bżonn ukoll metodi ġodda ta' kif tikkomunika ma' dawn iż-żgħażagħ. Trid toħloq ambjenti li jilqgħu u li jħallu ż-żgħażagħ jesprimu lilhom infushom. Trid tippromwovi l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-ħidma kollha tagħha.

(iii) **Dawk 'il bogħod mill-Knisja**

In-numru ta' żgħażagħ li qed jitbiegħdu mill-Knisja qiegħed jikber. Għandna ħafna aktar żgħażagħ li qed jitrawmu f'familji li m'għadx għandhom kuntatt mal-Knisja, waqt li oħrajn mhux qed isibu r-risposti li jissodisfawhom fil-Knisja u għalhekk qed jibqgħu 'l bogħod minnha. Dan kollu, flimkien mal-kultura dejjem tikber tal-għażla libera ta' twemmin u ta' valuri, individwaliżmu u sekulariżmu, qed joffri sfidi għall-fidi.

Il-Knisja trid tistaqsi lilha nfisha kif, u għaliex, dawn iż-żgħażagħ qed jitilfu l-viżjoni nisranija. Trid tgħarbel lilha nfisha biex tagħraf jekk hux

jirnexxilha taqra u tifhem il-lingwaġġ taż-żgħażagħ u jekk hix qed tinftiehem minnhom. Fl-istess waqt trid tkun preżenza pro-attiva ta' tama filwaqt li tagħmel ħilitha biex tegħleb l-ostakoli li qed jinħolqu. Trid tagħraf li hemm sinjali sbieħ u qawwija ta' valuri umani u nsara fiż-żgħażagħ, li qegħdin fi vjaġġ ta' tiftix għall-awtentiċità, filwaqt li twarrab dak kollu fil-ħajja tagħha li jista' jċajpar ix-xhieda tagħha tad-don tal-fidi.

Filwaqt li l-operatur pastorali jrid jagħraf jagħmel differenzi fl-azzjoni tiegħu skond il-kundizzjonijiet ta' ħajja li ż-żgħażagħ ikunu qed jgħixu fihom, irid jagħraf ukoll li kull persuna hi preżenza unika u irripetibbli[17] u għalhekk irid jagħtiha l-attenzjoni u l-libertà li jistħoqqilha.

## Sinjali tal-"kultura tal-mewt"

9

Nagħrfu li, fid-dinja kontemporanja, xi żgħażagħ u oħrajn huma maħkuma minn mixja lejn ħajja aktar individwalista fejn wieħed ikun moħħu biss fih innifsu u minn dak li jista' jikseb. Sinjali ta' "kultura tal-mewt" jidhru b'mod partikulari fl-intolleranza, f'sitwazzjonijiet li jwasslu għal *stress* żejjed, fl-abbuż fl-alkoħol u d-drogi, fl-isfruttament, u fiż-żieda fl-edoniżmu u fil-"bżonn" ta' gratifikazzjoni immedjata. Din turi ruħha fuq diversi livelli tal-persuna u tar-relazzjonijiet.

## Il-Knisja trid timxi maż-żgħażagħ

10

Il-Knisja trid timxi maż-żgħażagħ f'dan il-vjaġġ tal-fidi tagħhom. Ġesù jħeġġiġna nimxu fuq l-eżempju tiegħu, nersqu lejn kull żagħżugħ jew żagħżugħa u

[17] Ara Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Redemptor Hominis* (4 ta' Marzu 1979), 13; ara wkoll *Antropologia teologica*, 136, 142.

nakkumpanjawhom tul il-vjaġġ tagħhom.[18] Il-Knisja trid timxi l-istess triq fi spirtu ta' smigħ, djalogu u qsim ta' qtigħ il-qalb u ta' tama. Fil-preżent jidher li, ħafna drabi, la l-messaġġ u lanqas ix-xhieda tagħna m'huma qed jaslu. Il-kultura ta' llum tifred il-ħajja tal-fidi mill-ħajja ta' kuljum. In-nisrani ma jemminx li s-sagru u l-profan huma mifruda iżda jagħraf li huma integrati fl-istess realtà. Għalhekk il-Knisja għandha l-isfida li tneħħi din d-dikotomija u turi kif il-ħajja ta' kuljum issib il-qofol tagħha fil-ħajja tal-fidi. Dan hu l-messaġġ li jrid jasal liż-żgħażagħ: li kull attività f'ħajjithom twassal għall-qdusija jekk tkun immexxija mill-imħabba vera li għallimna Ġesù.

## Damiġġani ġodda b'inbid ġdid

## 11

"Ħadd ma jraqqa' libsa qadima b'biċċa drapp ġdida għax inkella r-roqgħa ssellett il-libsa, u t-tiċrita tikber. Anqas ma jqiegħdu l-inbid il-ġdid f'damiġġani qodma tal-ġild, għax inkella d-damiġġani jinfaqgħu, l-inbid jixterred, u d-damiġġani jintilfu. Iżda nbid ġdid jitfgħuh f'damiġġani ġodda, u hekk iżommu t-tnejn." (Mt 9,16-17)

Tul il-vjaġġ li jagħmlu ż-żgħażagħ, il-Knisja għandha l-isfida li tagħmel damiġġani ġodda li jimtlew b'inbid ġdid. Trid toffri possibbiltajiet ġodda għall-pastorali u taż-żgħażagħ. Il-pastorali l-ġdida trid tkun immexxija mit-tfittxija taż-żgħażagħ, speċjalment ta' dawk li għandhom l-akbar għatx għall-ħajja, għax il-Knisja hi d-dixxiplu ta' dak li għandu l-ilma ħaj. Il-pastorali taż-żgħażagħ trid tfittex li toħroġ 'il barra mill-bini tal-knisja u tkun missjoni kreattiva u ta' animazzjoni.

18 L-istess kunċett jinsab fid-dokument tas-Sinodu *Viżjoni ta' Knisja komunjoni*, fejn tiġi mfissra x-xbieha ta' "Knisja-oħt" li takkumpanja l-bnedmin kollha fit-toroq tal-ħajja Ara Kap IV.

## Diversifikazzjoni fl-azzjoni pastorali

12

Il-viżjoni l-ġdida trid tkun immexxija mill-għatx li l-Knisja tagħraf il-bżonnijiet taż-żgħażagħ u twieġeb għalihom. Proprju minħabba f'hekk hemm bżonn li l-Knisja tiddiversifika fl-azzjoni pastorali tagħha biex tkun tista' tilħaq l-akbar numru ta' żgħażagħ biex twasslilhom l-Aħbar it-Tajba u turi r-rilevanza tagħha fil-ħajja ta' llum. Il-Knisja tagħraf li spiċċa ż-żmien ta' struttura jew strateġija waħda pastorali li kapaċi twieġeb għall-bżonnijiet kollha taż-żgħażagħ kollha. Għaldaqstant trid tkun aktar iffokata fuq il-bżonnijiet tal-persuni u gruppi speċifiċi li tixtieq tilħaq filwaqt li taħdem ma' gruppi u għaqdiet oħra b'ħafna flessibbiltà.

## Iż-żgħażagħ bħala protagonisti

13

Il-pastorali ma tkunx sħiħa jekk ma twassalx liż-żgħażagħ biex ikunu mhux biss dixxipli iżda evanġelizzaturi fil-ħajja ta' kuljum. L-għajxien u l-parteċipazzjoni fil-ħajja sħiħa jridu jwasslu biex iż-żgħażagħ li jemmnu jkunu l-melħ u d-dawl (ara Mt 5,13-14) kull fejn ikunu.

Għaldaqstant, il-Knisja trid tagħraf li ż-żgħażagħ m'humiex biss proġett futur imma wkoll membri responsabbli, sħaħ u preżenti tagħha u tas-soċjetà u li huma jistgħu, u ħafna drabi, fil-fatt, jagħtu kontribut siewi. Għalhekk hu essenzjali li:

(i) tagħraf tagħtihom il-possibbiltà reali li jużaw id-doni u l-kreattività tagħhom;

(ii) tagħtihom rwoli sinifikanti ta' tmexxija u ta' ħidma. Għal dan il-għan il-Knisja trid tagħtihom is-setgħa (*empowerment*) bit-tagħrif u ħiliet meħtieġa biex ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod sħiħ;

(iii) tinkuraġġihom jagħtu l-kontribut tagħhom.

## Pastorali maż-żgħażagħ fuq livell djoċesan

14

Bħala istituzzjoni l-Knisja għandha diversi modi kif tilħaq u tipprovdi għall-ħtiġijiet taż-żgħażagħ. Illum, iżda, jinħass il-bżonn li jkun hemm stampa aktar ċara tar-rwoli ta' l-istrutturi u tar-relazzjoni bejniethom.

L-istruttura prinċipali responsabbli tal-pastorali u l-*policy* li ssir mill-Knisja f'Malta, fil-kamp taż-żgħażagħ, hija l-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ (KDŻ). Flimkien mal-KDŻ, id-djoċesi pprovdiet segretarjati u kummissjonijiet djoċesani li wkoll għandhom servizzi ta' interess partikolari għaż-żgħażagħ (fosthom is-Segretarjat Caritas, il-Kunsill Interdjoċesan tal-Vokazzjonijiet, is-Segretarjat għall-Katekeżi, is-Segretarjat għall-Edukazzjoni u l-Kultura). Barra minn hekk, l-Ispirtu għoġbu jżejjen din il-komunità ta' fidi f'Malta b'diversi kongregazzjonijiet, ordnijiet, movimenti, u assoċjazzjonijiet reliġjużi u lajkali, li joffru servizzi u akkoljenza spiritwali skond il-kariżma tagħhom.

## Ħtieġa ta' koordinament

15

Il-Knisja hi l-ġisem ta' Kristu u kull membru tagħha, waħdu jew ma' oħrajn, huwa responsabbli li jgħix il-vokazzjoni tiegħu f'armonija mal-ġisem kollu. Ma jistax jibqa' tollerat li, fil-pastorali, id ma tkunx taf x'inhi tagħmel l-oħra. Jinħass li hemm nuqqas ta' koordinament u komunikazzjoni fil-pastorali taż-żgħażagħ li jirriżulta f'duplikazzjoni u ħela ta' riżorsi b'detriment għaż-żgħażagħ stess. Barra minn hekk, diversi għaqdiet u movimenti jħossuhom maqtugħa u b'nuqqas ta' appoġġ fil-ħidma pastorali tagħhom. Jinħass ukoll in-nuqqas ta' stampa komprensiva ċara ta' x'ħidma qed issir għaż-żgħażagħ fid-djoċesi.

## Delegat għaż-żgħażagħ

16

Sabiex jintlaħaq il-għan li tissaħħaħ il-pastorali taż-żgħażagħ u l-komunjoni, ikun hemm Delegat ta' l-Arċisqof għall-pastorali taż-żgħażagħ. Dan id-delegat ikun responsabbli li jinforma lill-Arċisqof dwar is-sitwazzjoni attwali taż-żgħażagħ biex jistgħu jitfasslu flimkien il-*policies* tal-Knisja fil-kamp taż-żgħażagħ. Għalhekk id-Delegat ikun ukoll responsabbli li jistħarreġ u jiżen is-sitwazzjoni, l-ambjent li fih jgħixu ż-żgħażagħ, kif ukoll il-pastorali kollha li qed issir mill-Knisja.

## Il-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ

17

Il-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ għandha:

(i) tisma' l-bżonnijiet taż-żgħażagħ billi, minn żmien għal żmien, tagħmel jew tikkummissjona riċerki f'oqsma relatati mal-ħajja ta' kuljum taż-żgħażagħ;

(ii) tistħarreġ u tagħmel dixxerniment fuq il-ħidma pastorali fost iż-żgħażagħ;

(iii) fuq il-bażi ta' din ir-riċerka u tal-proċess ta' dixxerniment, tħejji pjanijiet għall-pastorali taż-żgħażagħ u taħdem b'mod strateġiku u professjonali fuq is-setturi kollha tal-ħajja taż-żgħażagħ: parroċċi, xogħol, edukazzjoni, divertiment u rikreazzjoni, u l-kamp soċjali;

(iv) tkun vuċi taż-żgħażagħ fil-Knisja u vuċi taż-żgħażagħ fis-soċjetà;

(v) tagħti pariri lill-Arċisqof u lill-organi pastorali tal-Knisja fuq id-dinja taż-żgħażagħ;

(vi) tkun mezz ta' koordinament bejn dawk kollha li l-ħidma tagħhom tmiss liż-żgħażagħ;

(vii) tara li jkun hemm servizz ta' formazzjoni kontinwa ta' l-operaturi pastorali;

(viii) tibni u toffri riżorsi fil-qasam tal-ħidma maż-żgħażagħ;

(ix) toffri servizzi ta' konsulenza.

Għandu jkun hemm proviżjoni ta' *budget* adegwat għal pastorali wiesgħa fost iż-żgħażagħ Maltin.

## *Youth Ministers*

18

Il-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ għandu jkollha fi ħdanha diversi uffiċċji mmexxija minn *youth minister/s*[19] b'responsabbiltajiet differenti. Fost dawn l-uffiċċji għandu jkun hemm :

(i) uffiċċju responsabbli mill-pastorali fil-parroċċi;[20]
(ii) uffiċċju responsabbli mill-proġetti ta' *outreach*;
(iii) uffiċċju responsabbli mid-djakonija.[21]

Il-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ tkun responsabbli li *youth ministers* jirċievu formazzjoni kontinwa kif ukoll tieħu ħsieb tikkoordina l-ħidma ta' l-istess *youth ministers*.

## Ħidma fuq livell parrokkjali

19

Il-parroċċa hi waħda mill-organi l-aktar bażiċi tal-Knisja; hija l-post fejn, wara l-familja, iż-żgħażagħ jibdew iduqu r-realtajiet kollha tal-ħajja nisranija. Il-biċċa l-kbira tal-pastorali li qed issir fuq livell parrokkjali hi dik permezz ta' ċentri taż-żgħażagħ li wieħed isib f'diversi lokalitajiet. Dawn iċ-ċentri taż-żgħażagħ huma mmexxijin minn għaqdiet reliġjużi, minn kongregazzjonijiet jew ordnijiet reliġjużi, jew direttament mill-parroċċa. Teżisti wkoll ir-realtà li f'ċerti parroċċi ssib diversi għaqdiet, b'kull għaqda tmexxi ċ-ċentru rispettiv tagħha.

19 B'*youth minister* nifhmu persuna mħarrġa b'mod professjonali fil-qasam tal-pastorali maż-żgħażagħ, filwaqt li b'*youth leader* nifhmu kull persuna oħra li b' xi mod taħdem maż-żgħażagħ.

20 Għal aktar dettalji dwar ir-responsabbiltà tal-*youth minister* irreferi għall-paragrafu 22.

21 Dawn il-*youth ministers* ikollhom ir-responsabbiltajiet identifikati f'kapitlu V.

Fil-preżent dawn iċ-ċentri ma jilħqux ir-realtajiet kollha taż-żgħażagħ. Il-popolazzjoni ta' żgħażagħ li jattendu ċ-ċentri parrokkjali huma fil-maġġoranza tagħhom studenti, b'rata ħafna aktar baxxa minn fost dawk li huma ħaddiema jew għarajjes. Bosta drabi wkoll ma jintlaħqux żgħażagħ post-adolexxenti. Hemm diversi raġunijiet għal din is-sitwazzjoni fosthom: l-impenji, il-possibbiltajiet ta' attivitajiet oħra, il-mobilità barra mill-parroċċa, ħbieb ġodda f'ambjenti ġodda, u n-nuqqas ta' servizzi adegwati.

## Ir-responsabbiltajiet tal-komunità parrokkjali

20

Iż-żgħażagħ m'humiex biss il-futur tal-Knisja iżda l-ħajja stess tagħha. Għalhekk, fejn in-numri jippermettu, il-komunitajiet parrokkjali għandhom id-dmir li jipprovdu servizzi fejn dawn il-membri sħaħ tal-komunità jkunu jistgħu jimmaturaw fil-fidi u f'kull aspett ieħor ta' ħajjithom.

Fejn hu possibbli, il-parroċċi għandhom jaraw kif se jipprovdu spazju adegwat għall-ħidma taż-żgħażagħ u għaż-żgħażagħ. Dawk il-parroċċi li għadhom ma jħaddnux ċentru għandhom, bl-għajnuna tal-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ, jistabbilixxu proċedura u pjan ta' kif se tibda ħidma pastorali għaż-żgħażagħ li titwaqqaf permezz taż-żgħażagħ u maż-żgħażagħ infushom. Fejn il-parroċċa hi żgħira u m'għandhiex riżorsi biżżejjed, għandu jkun hemm ħidma organika fost iż-żgħażagħ minn iżjed paroċċi flimkien billi jinstab post ċentrali bejn żewġ parroċċi jew iżjed u jkun hemm *pooling* ta' riżorsi umani.

## Varjetà ta' programmi

21

Fejn hu possibbli, għandu jkun hemm varjetà ta' programmi u strateġiji li jindirizzaw lill-bżonnijiet u s-sitwazzjonijiet differenti ta' żgħażagħ differenti. Dawn jistgħu jinkludu diversità ta' programmi li jvarjaw skond l-età u skond

l-interessi. Fil-ħidma tagħha maż-żgħażagħ, il-Knisja trid tinvolvi l-familji, u tant gruppi reliġjużi, voluntarji u oħrajn, filwaqt li taħdem flimkien magħhom b'ħafna flessibbiltà.

## Ħidma tal-parroċċi flimkien

22

Għall-prattiċità l-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ issegwi l-gruppi ta' parroċċi miġburin f'unitajiet pastorali li jiffurmaw id-distretti. Għal kull distrett għandu jiġi allokat *youth minister* li xogħlu jkun li jġib 'il quddiem, isaħħaħ u janima l-ħidma pastorali maż-żgħażagħ f'dak id-distrett. Kull *youth minister* ikun responsabbli li jgħin lill-membri tal-komunitajiet parrokkjali fi ħdan id-distrett jorganizzaw il-ħidma pastorali maż-żgħażagħ u taż-żgħażagħ, u jwaqqaf *core groups* ta' *youth leaders* responsabbli mit-tmexxija tal-pastorali. Għalhekk jitħejja programm pastorali għad-distrett u għall-parroċċi.



# Kap II

# IL-ĦAJJA KOMUNITARJA

## Relazzjonijiet u komunikazzjoni

23

Fil-fażi taż-żgħożija, aktarx l-individwu jiskopri dejjem aktar l-identità u l-kapaċità tiegħu li jibni relazzjonijiet profondi u li jfissru ħafna. Ukoll, l-għan aħħari tal-pastorali taż-żgħażagħ hu li jwassal il-messaġġ li Kristu jkun iċ-ċentru ta' ħajjithom u li hu essenzjali li jkollhom relazzjoni profonda miegħu. Hawnhekk ma jistax jonqos l-isfond tal-komunità nisranija li hija post privileġġjat tal-laqgħa tagħna mal-Mulej. Ħafna drabi, iżda, il-Knisja tista' tidher mhux tant bħala l-post ta' komunjoni ma' Alla u bejnietna, iżda iżjed bħala istituzzjoni jew organizzazzjoni. Il-pastorali taż-żgħażagħ għandha tkun mibnija fuq iċ-ċentralità tar-relazzjonijiet u ta' komunikazzjoni tajba.[22]

## L-importanza ta' l-esperjenza komunitarja

24

Il-Knisja trid tibni fuq dan il-bżonn uman u spiritwali, filwaqt li tilqa' u tagħti valur lill-individwalità u l-uniċità ta' kull persuna. Għalhekk trid toffri ambjenti u spazji fejn iż-żgħażagħ iħossuhom milqugħa kif inhuma, ikunu jistgħu jgħixu l-ispirtu ta' ċelebrazzjoni li ġġib magħha l-ħbiberija, jidħlu dejjem aktar fil-kultura tal-għotja tagħhom infushom lill-oħrajn, jikbru fil-kapaċità li jiddjalogaw, jinfetħu għas-sbuħija tat-talb flimkien, jesperjenzaw il-ġmiel f'li jaħfru u f'li jkunu maħfura u jipparteċipaw flimkien fiċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti. Jeżistu għaqdiet, gruppi u movimenti fejn iż-żgħażagħ qegħdin jgħixu din l-esperjenza qawwija ta' komunità, fejn qegħdin iħossuhom mifhuma u apprezzati kemm minn żgħażagħ oħra kif ukoll minn adulti fl-istess komunità.

[22] Ara Pete Ward, *Youthwork and the Mission of God. Frameworks for Relational Outreach*, London 1997, 26. 27 u 43; Ara United States Bishops' Catholic Conference, *A Vision of Youth Ministry*, Washington D.C. 1986, 9.

Hu biss fl-isfond ta' komunità ta' mħabba li ż-żgħażagħ jistgħu jikbru bħala bnedmin sħaħ. Għaldaqstant, l-operaturi pastorali maż-żgħażagħ għandhom ikunu xhieda ħajja ta' Ġesù f'li jwasslu għall-bini ta' relazzjonijiet profondi ma' l-aħwa u fost l-aħwa u mal-Mulej.

Għal dan l-għan, kemm il-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ kif ukoll il-parroċċi, il-kongregazzjonijiet u l-ordnijiet ta' ħajja reliġjuża jridu jinkuraġġixxu l-ħolqien ta' komunitajiet bażiċi differenti jew ta' gruppi b'għanijiet differenti fejn dawn m'humiex diġà mwaqqfin. L-isforz biex jinħolqu dawn l-għaqdiet/komunitajiet ġodda jrid isir fit-twemmin li fl-għaqda/komunità bażika ż-żagħżugħ jista' jikber, jiżviluppa l-potenzjali tiegħu, kif ukoll jiskopri lilu nnifsu u lill-oħrajn, aħjar milli kieku jkun waħdu.

## *Trends* fost iż-żgħażagħ

25

Meta jitwaqqfu dawn il-komunitajiet bażiċi/gruppi ġodda, wieħed għandu jżomm f'moħħu t-*trends* ġodda li qed jinbtu fost iż-żgħażagħ. L-istħarriġ li kien sar fl-1995 kien juri kif iż-żgħażagħ kienu qed jidħlu l-aktar f'assoċjazzjonijiet sportivi, ambjentali, li jittrattaw temi ta' ġustizzja soċjali, kif ukoll f'għaqdiet li jittrattaw temi speċifiċi. Il-missjoni tal-Knisja hi li tgħin l-Ispirtu ta' Kristu jidħol f'kull qasam u settur tas-soċjetà. Meta wieħed jindirizza temi li huma għal qalb iż-żgħażagħ direttament, wieħed ikun jista' joffri wkoll il-valuri ta' l-Evanġelju. B'dan il-mod inkunu qed insegwu l-metodu li uża Ġesù stess fil-missjoni pubblika tiegħu u nkunu qed inġibu 'l quddiem djalogu reali bejn il-komunità nisranija, u l-kultura u s-soċjetà.

Importanti li tingħata attenzjoni partikolari lil dawk iż-żgħażagħ li, wara ċerta età, ma jkunux jixtiequ jassumu rwoli ta' tmexxija fi ħdan iċ-Ċentru. Il-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ għandha taħdem biex ikun hemm spazju għalihom u toffri appoġġ biex jiġu ffurmati gruppi ta' dawn iż-żgħażagħ.

## Kollaborazzjoni bejn gruppi differenti

26

Fl-isforz biex jitwaqqfu għaqdiet ġodda, ma jridx isir l-iżball ta' kompetizzjoni mhux f'lokha ma' għaqdiet oħra, speċjalment ma' assoċjazzjonijiet mhux reliġjużi. Filwaqt li għandha titħares l-uniċità u l-libertà tal-membri, ta' kull għaqda jew grupp, għandha ssir kollaborazzjoni kemm jista' jkun sħiħa bejn gruppi differenti anki għax dan irawwem apprezzament għas-sabiħ li jeżisti f'kull grupp u għall-mod kif il-gruppi jistgħu jaħdmu flimkien, filwaqt li l-gruppi differenti jistgħu joffru sostenn lil xulxin permezz ta' qsim ta' riżorsi, idejat u proġetti.

## Appuntamenti għad-djoċesi kollha

27

Bħala sinjal ta' għaqda, tajjeb li jkun hemm numru ta' appuntamenti fissi għad-djoċesi kollha:

(i) Il-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ, bħala l-organu uffiċjali tal-Knisja li jġib 'il quddiem il-kollaborazzjoni u l-koordinament bejn l-għaqdiet u l-movimenti li jaħdmu fil-kamp tal-pastorali taż-żgħażagħ, għandha torganizza attività fuq bażi regolari, li tiċċelebra l-ħidma u l-ħajja ta' dawn l-għaqdiet;

(ii) Tajjeb li l-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ toħloq okkażjonijiet spissi fejn il-mexxejja u l-membri attivi tal-għaqdiet ikollhom l-opportunità jiltaqgħu bejniethom. F'attivitajiet bħal dawn, ikun hemm iċ-ċans jinqasmu l-esperjenzi biex jaqgħu ħitan, konflitti u kompetizzjoni bla sens u tiġi promossa l-kollaborazzjoni sħiħa bejn għaqdiet differenti;

(iii) Tajjeb li l-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ, flimkien ma' l-għaqdiet kompetenti, ikollha laqgħat informali ma' l-Arċisqof. F'dawn il-laqgħat ikun hemm l-opportunità li l-Arċisqof jiltaqa' maż-żgħażagħ, fl-ambjenti fejn iqattgħu l-ħin, biex ikun hemm okkażjonijiet ta' djalogu.

(iv) Minn żmien għal żmien id-Delegat ta' l-Arċisqof għaż-żgħażagħ għandu jżur lill-għaqdiet/movimenti li huma direttament involuti fil-ħidma maż-żgħażagħ biex jibni kuntatti aktar sodi u jistħarreġ modi ġodda ta' kollaborazzjoni.

## Kuntatti utli

28

Wieħed irid iqis ukoll l-importanza ta' kuntatti ma' gruppi u kummissjonijiet oħra li jaħdmu maż-żgħażagħ, l-ewwel u qabel kollox f'pajjiżna stess, imma ukoll f'pajjiżi u fi Knejjes oħra biex ikun jista' jsir qsim ta' riżorsi u esperjenzi. Dan għandu jsir fuq kull livell ta' ħidma pastorali.

## Djalogu fil-*media*

29

F'dinja li kull ma jmur il-valur tal-mezzi ta' komunikazzjoni qed jiżdied, kull min jaħdem fil-kamp tal-pastorali taż-żgħażagħ għandu jfittex mezzi ġodda ta' kif jista' jinħoloq djalogu fil-*media* ġodda. Għaldaqstant irid isir investiment xieraq biex jinħolqu dawn l-opportunitajiet.[23] Dawn il-mezzi għandhom jgħinu biex joħolqu *networks*, jinfurmaw, isaħħu komunitajiet kif ukoll joħolqu komunitajiet virtwali. Il-prinċipju li jmexxi dan l-għatx għad-djalogu għandu jkun ix-xewqa kbira tal-Knisja li tidħol f'relazzjoni maż-żgħażagħ biex tiskopri lil Alla fihom u tgħinhom jiskopruh fl-istorja ta' ħajjithom. Hawnhekk, wieħed ma jridx jinsa 'l dawk li jaħdmu f'*media* oħra bħall-artisti, dawk involuti fid-*drama*, fl-iżfin u fil-mużika fejn wieħed ta' min isemmi l-ħafna *bands* ta' żgħażagħ fix-xena lokali.

Dan kollu hu mezz privileġġjat biex jintlaħqu mhux biss dawk li b'xi mod diġà jiffurmaw parti mill-komunità nisranija, iżda fuq kollox dawk li jinsabu fil-periferija kif ukoll dawk li ma jiffurmawx parti mill-Knisja.

[23] Per eżempju, fl-internet (permezz ta' *web pages*, *networks* u *e-mails*), permezz ta' *SMS*, u fuq it-televiżjoni u r-radjijiet.

## Pastorali ma' dawk fil-periferija

30

Il-Knisja, fl-impenn tagħha li tkun ta' servizz għaż-żgħażagħ u maż-żgħażagħ, tagħraf li hemm żgħażagħ fil-periferija jew 'il bogħod minnha. Hawnhekk trid tistaqsi lilha nfisha x'inhuma l-ispazji li fihom tista' tieħu sehem fi ħdan id-dinja żagħżugħa u kif jistgħu jingħelbu l-firdiet fiżiċi, psikoloġiċi u kulturali li jista' jkun hemm. Għaldaqstant, tajjeb li jsir studju li jeżamina x'jistgħu jkunu l-fatturi li qed jikkaġunaw dawn il-firdiet. Importanti ħafna wkoll ikun hemm proġetti u sistemi differenti ta' *outreaches* fejn żgħażagħ u membri oħra tal-Knisja jistgħu jaqsmu l-esperjenza tal-fidi tagħhom f'Ġesù.

Mil-lat prattiku, kif intqal diġà, tajjeb li fi ħdan il-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ ikun hemm *youth minister* responsabbli mill-proġetti ta' *outreach*.

## Pastorali ma' żgħażagħ ta' reliġjonijiet oħra

31

Fostna hawn diversi, kemm Maltin kif ukoll barranin, li huma membri ta' komunitajiet ekkleżjali oħra jew jipprattikaw reliġjon differenti. Minħabba li l-qofol ta' kull kuntatt pastorali hija l-imħabba, tajjeb li l-komunità nisranija taħdem għar-rispett bejn il-kulturi differenti u bejn il-persuni.

Ikun xieraq li, fis-sillabu tar-reliġjon u fiċ-ċentri taż-żgħażagħ, tingħata formazzjoni u tagħrif dwar id-diversità u dwar x'għandha tkun l-attitudni tagħna lejn din ir-realtà, kemm kif tidher fi ħdan il-Knisja Kattolika stess li hi mogħnija b'tant knejjes b'riti liturġiċi u spiritwalitajiet differenti, kif ukoll kif turi ruħha fil-fehmiet ta' l-aħwa nsara mifruda li għandhom l-istess bażi ta' twemmin tagħna. Importanti ħafna li tingħata wkoll formazzjoni u tagħrif dwar id-diversità li turi ruħha f'dawk il-persuni li jipprattikaw reliġjonijiet oħra, b'mod partikulari l-Islam li hi realtà dejjem tikber fil-gżejjer tagħna.

Filwaqt li fl-iskejjel hemm xi wħud li jirrifjutaw li jipparteċipaw għal-lezzjonijiet tar-reliġjon jew li jattendu għall-attivitajiet reliġjużi, l-istedina biex jattendu dawn il-funzjonijiet u lezzjonijiet għandha tibqa' dejjem miftuħa. Kif diġà qed isir fi skejjel post-sekondarji u fl-Università, jistgħu jsiru attivitajiet u diskussjonijiet ekumeniċi, b'mod partikolari attivitajiet ta' djakonija jew b'riżq aktar ġustizzja soċjali. Meta dawn ikunu mħejjija u organizzati tajjeb, iħallu effett pożittiv. Jistgħu wkoll jiġu organizzati, miċ-*Chaplaincy* ta' dawn l-istituzzjonijiet, attivitajiet soċjali oħra u, fejn hu possibbli u pastoralment għaqli, mumenti ta' talb flimkien.



# Kap III

# IX-XANDIR TAL-KELMA

## Mibgħutin biex inxandru

32

Ġesù ġie jħabbar il-ħelsien lill-imjassrin, l-Aħbar it-Tajba lill-fqajrin, jagħti d-dawl lill-għomja, il-ħelsien lill-maħqurin u jxandar il-grazzja tal-Mulej (ara Lq 4,18-19). Daqstant ieħor il-Knisja f'Malta hi mibgħuta biex tkompli l-ħidma tiegħu billi xxandar l-Aħbar it-Tajba[24] u taħdem favur it-twaqqif tas-Saltna ta' Alla fis-socjetà tagħna u wkoll fost iż-żgħażagħ, li m'humiex biss il-futur iżda l-preżent ta' din is-soċjetà u tal-Knisja f'Malta.

Fil-ħidma b'riżq il-twaqqif tas-Saltna, il-Knisja trid tagħraf li hemm bżonn mhux biss taħdem fost iż-żgħażagħ, iżda taħdem fuq kollox maż-żgħażagħ.[25] Dan tista' tagħmlu biss jekk tisma' liż-żgħażagħ, biex tkun tista' tagħraf il-kultura tagħhom, tħoss il-bżonnijiet tagħhom, u tagħrafhom bħala membri responsabbli u sħaħ tagħha li jistgħu mhux biss jirċievu iżda jagħtu u jbiddlu l-Knisja. Fuq kollox il-komunità għandha tiftakar u temmen dak li qal Pawlu: "Qis li ħadd ma jmaqdrek għax int żagħżugħ; kun ta' eżempju għal dawk li jemmnu, fi kliemek u fl-imġiba tiegħek, fl-imħabba, fil-fidi, fis-safa. Sa ma niġi, ħu ħsieb il-qari tal-Kotba Mqaddsa, it-twissijiet u t-tagħlim. Tinsiex il-grazzja li għandek fik" (1 Tim 4,12-14).

## Katekeżi maż-żgħażagħ

33

L-Iskrittura għandha tkun fiċ-ċentru tal-katekeżi li ssir maż-żgħażagħ. Din il-katekeżi trid turi kif l-esperjenza tal-komunitajiet bibliċi huma simili u għadhom relevanti għall-esperjenzi li ż-żgħażagħ jgħaddu minnhom fil-ħajja tagħhom ta' kuljum. Din għandha twassal biex:

(i) ngħixu maż-żgħażagħ il-viżjoni ta' Ġesù, viżjoni li toffri sfida u

[24] Ara d-dokument tas-Sinodu *Xandir tal-Kelma.*

[25] Ara *A Vision of Youth Ministry*, 6-7.

tagħti sens u togħma lill-ħajja b'mod li taqta' l-għatx tagħhom għall-ħajja;
(ii) noffru modi konkreti biex iż-żgħażagħ ikunu jistgħu jesperjenzaw l-isfida u l-avventura li joffri d-dixxipulat dejjem iżjed radikali ta' Ġesù;
(iii) inxerrdu valuri nsara bħal dawk ta' l-imħabba, l-onestà, il-kuraġġ, il-paċi u l-ħidma bla vjolenza, il-fedeltà, il-kastità, ir-rispett għall-ħajja, il-ħniena u l-interess, is-servizz, il-ġustizzja soċjali, l-integrità, u r-responsabbiltà, anki lejn il-komunità.

Irridu wkoll niftakru li l-katekeżi tkun ħajja biss jekk tkun magħquda ma' l-aspetti l-oħra tal-pastorali fosthom il-ħajja tal-komunità nisranija, iċ-ċelebrazzjoni tal-ħajja nisranija fil-liturġija, u l-qadi ta' l-oħrajn u l-ħidma favur il-ġustizzja.

## Il-formazzjoni

34

Il-formazzjoni hi l-qalba tal-ħidma pastorali maż-żgħażagħ. Filwaqt li m'għandha qatt tiġi traskurata l-importanza tad-dimensjoni spiritwali li hi l-bastun tal-ħidma tagħna, irid isir investiment xieraq fir-riżorsi kemm umani kif ukoll bħala tagħmir. Biex ma jkunx hemm ħela ta' riżorsi, il-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ għandha tikkoordina dak li diġà jeżisti u tħeġġeġ li jinqasmu r-riżorsi f'dan il-qasam.

## Il-formazzjoni ta' l-operaturi pastorali

35

Biex iż-żgħażagħ tagħna jkunu tassew iffurmati irridu niżguraw li jkollna operaturi pastorali li jkunu mħarrġa sew biex jaħdmu magħhom. Dawn l-operaturi għandhom ikunu mħarrġa umanament, spiritwalment u pastoralment. Il-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ tkompli tipprovdi wkoll, b'kollaborazzjoni ma' l-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali, formazzjoni

kontinwa għal kull min jaħdem fil-kamp taż-żgħażagħ fil-ħidma pastorali tiegħu/tagħha. Għal dawk li jixtiequ jikkommettu ruħhom aktar fit-tul, inħeġġu wkoll lill-entitajiet li jistgħu jagħtu kontribut f'dan il-kamp formattiv biex jagħtu dan il-kontribut u jgħinu fil-formazzjoni ta' *youth leaders*.

Għandha tingħata attenzjoni speċjali liż-żgħażagħ li jixtiequ jew li għandhom il-potenzjal li jkunu ta' kontribut fit-tmexxija u fil-pastorali taż-żgħażagħ. Fost l-oħrajn għandhom jiġu organizzati programmi speċifikament għalihom. B'hekk ikunu qed jitrawmu ġenerazzjonijiet ta' *youth leaders* impenjati li jridu jagħtu kontribut fil-komunitajiet li jinsabu fihom.

## Il-formazzjoni taż-żgħażagħ

**36**

Il-formazzjoni taż-żgħażagħ għandha jkollha l-iskop aħħari li twassalhom sabiex jibnu relazzjoni personali intima ma' Kristu bħala ħabib u mudell ta' ħajjithom u tal-ħidma tagħhom kollha.

Il-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ tkun responsabbli li tibni programmi u riżorsi ġodda skond il-ħtiġijiet lokali. S'issa jidher li għad m'hawnx programmi stabbiliti li jistgħu jgħinu lill-operaturi pastorali fil-pjanifikazzjoni tagħhom. Għalhekk għandha tkun prijorità tal-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ li toħloq programmi didattiċi mmirati li jirrispettaw l-iżvilupp f'kull settur tal-ħajja żagħżugħa b'possibbiltà ta' flessibbiltà u addattament. Dawn il-programmi jkunu jistgħu jintużaw fiċ-ċentri, skejjel u postijiet tax-xogħol, kif ukoll fi djar ta' l-irtiri u ċentri ta' spiritwalità. Fil-programmi ta' formazzjoni għandha tingħata prijorità lil:

(i) l-għarfien ta' Ġesù bħala t-Triq, il-Verità u l-Ħajja;

(ii) l-iżvilupp sħiħ tal-persuna fid-dawl tal-fatt li kull bniedem hu l-glorja ta' Alla;

(iii) ir-responsabbiltà u l-impenn (inkluża l-ġustizzja soċjali);

(iv) il-familja;

(v) l-interkulturalità u l-globalità;

(vi) il-missjoni.

Dawn il-korsijiet isiru b'kollaborazzjoni ma' l-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali u ma' entitajiet li huma speċjalizzati fil-formazzjoni ta' *leaders* jew fil-kamp taż-żgħażagħ.

Għandhom jiġu inkuraġġiti programmi ta' *youth exchanges*. Dawn il-programmi jgħinu liż-żgħażagħ f'edukazzjoni għall-globalizzazzjoni, għat-tolleranza u apprezzament ta' kulturi oħra u għal modi ġodda u usa' ta' kif iħarsu lejn problemi soċjali u ta' kif jaħdmu għall-ġustizzja soċjali. Ta' min jinkuraġġixxi wkoll il-vjaġġi f'pajjiżi oħra, b'missjoni umanitarja jew reliġjuża.

Kull programm formattiv għandu jenfasizza l-ħafna tajjeb li hemm fiż-żgħażagħ, joħorġu għad-dawl u jiżviluppah għall-ġid taż-żgħażagħ infushom u tal-Knisja kollha kemm hi, b'mod illi ż-żgħażagħ iħossuhom realment responsabbli mill-bini tal-komunità għax fdati b'responsabbiltajiet veri.

## Ħidma għall-vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi

37

Il-pastorali ġenerali taż-żgħażagħ tinkludi fiha l-ħidma għall-vokazzjonijiet għall-ħajja saċerdotali, għall-ħajja reliġjuża u għall-ħajja ta' membri ta' Istituti Sekulari. Din il-ħidma tilħaq l-għan tagħha permezz taċ-Ċentri tal-Vokazzjonijiet li hemm fis-Seminarju ta' Malta, fi ħdan kull Ordni reliġjuż u kongregazzjoni reliġjuża inklużi l-monasteri tas-sorijiet tal-Klawsura u fi ħdan l-Istituti Sekulari. Kemm iż-żgħażagħ u kemm min jaħdem magħhom għandhom joħolqu ambjent ta' talb li fih iż-żgħażagħ isiru jafu bil-mod il-mod x'irid Alla minnhom u jħejju ruħhom biex jagħmlu r-rieda ta' Alla għalihom.

## Il-formazzjoni fl-iskejjel

38

Il-Knisja tagħraf li l-għalliema għandhom rwol importanti fil-formazzjoni taż-żgħażagħ, speċjalment fil-perjodu ta' l-adolexxenza. Tajjeb li l-Knisja

tagħraf kif tista' tikkontribwixxi fil-formazzjoni sħiħa ta' l-istudenti-għalliema b'mod speċjali ta' dawk li se jgħallmu r-reliġjon. Dan jista' jsir, per eżempju, permezz ta' *seminars*, *live-ins*, jew irtiri.

L-għalliema tar-reliġjon għandhom rwol partikulari fl-edukazzjoni ta' l-identità u tal-valuri nsara. Il-Knisja għandha tkompli ssaħħaħ il-metodu ta' valutazzjoni għall-għoti taċ-Ċertifikat ta' Idonjetà u s-sistema li ssegwi l-istess għalliema. Tajjeb ukoll li s-Segretarjat għall-Katekeżi jkun imsaħħaħ sabiex, bi ftehim mad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni u l-iskejjel tal-Knisja, jipprovdi nofs ta' nhar skolastiku b'mod regolari għall-formazzjoni kontinwa tal-għalliema tar-reliġjon.

## Kummissjoni dwar l-iskejjel tal-Knisja

39

Huwa ta' min ifaħħar l-inizjattiva mill-Provinċjali u Superjuri Maġġuri li jwaqqfu kummissjoni biex tistudja u tipprepara dokument fuq il-qagħda u l-futur ta' l-iskejjel tal-Knisja. Tajjeb li din il-Kummissjoni jkollha, fost ir-responsabbiltajiet tagħha, li

(i) tagħmel valutazzjoni ta' l-implementazzjoni tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali;

(ii) tara li jkun hemm formazzjoni tal-għalliema f'*ethos* ta' edukazzjoni kattolika;

(iii) tagħti l-attenzjoni xierqa lill-istudenti żvantaġġjati.

## *Religious Counsellors*

40

Billi l-formazzjoni spiritwali ta' l-istudenti hi hekk importanti, il-Knisja ma tistax taċċetta li l-istudenti ma jkollhomx *religious counsellors*. Il-Knisja trid tieħu dan ir-rwol bis-serjetà billi tara li jkun hemm *religious counsellor* għal kull skola. Għandu jiġi studjat x'sehem jistgħu jagħtu lajċi u reliġjużi nisa f'dan il-qasam.

## Formazzjoni tal-ġenituri

41

Għandu jkun hemm ukoll ħidma mal-ġenituri taż-żgħażagħ. Għandha tingħata prijorità lill-formazzjoni sħiħa ta' dawn il-ġenituri permezz ta' stediniet għal laqgħat ta' formazzjoni fuq diversi temi kif ukoll jiġi offrut servizz ta' *counselling* lil dawk il-ġenituri li jħossu l-bżonn.

## Librerja ta' riżorsi

42

Sabiex il-formazzjoni ta' l-operaturi pastorali, kif ukoll dik taż-żgħażagħ, tkun waħda ħajja, għandha tissaħħaħ il-librerija ta' riżorsi tal-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ biex tkun attrezzata sew u tiġi aġġornata kontinwament. F'din il-librerija għandu jkun hemm kemm materjal ta' tagħlim għal min qed jaħdem maż-żgħażagħ kif ukoll materjal li jista' jiġi użat f'laqgħat maż-żgħażagħ.

Tajjeb ukoll li jkun hemm aktar investiment f'mezzi ta' komunikazzjoni. F'dinja teknoloġika fejn iż-żgħażagħ huma mdawrin b'apparat sofistikat, hu importanti li jintużaw mezzi teknoloġiċi bħal dawn biex iwasslu messaġġ nisrani wkoll. Għandna naraw li l-apparat akustiku fil-postijiet tagħna jkun tajjeb. Għandu jsir investiment ukoll f'sistemi multimedjali.[26]

## Ċentri ta' spiritwalità u akkoljenza

43

Matul dawn l-aħħar snin twaqqfu diversi ċentri ta' spiritwalità fid-djoċesi. Dawn iċ-ċentri qed jiġbdu lejhom numru konsiderevoli ta' żgħażagħ.

26 Bħal, per eżempju, *computer systems*, b'*DVD*; *multimedia software packages*; *video-projectors*; *screens* adegwati; u *speakers* tajbin.

Hemm bżonn li aktar kongregazzjonijiet reliġjużi jidħlu għal din il-missjoni u joffru waħda mid-djar tagħhom għall-fini ta' ċentru ta' spiritwalità.

Dawn iċ-ċentri ta' spiritwalità għandhom ikollhom persuni (saċerdoti, reliġjużi jew lajċi) imħarrġa tajjeb li jmexxu programmi ta' akkumpanjament spiritwali ta' gruppi jew ta' individwi, kif ukoll irtiri, *weekends* u *live-ins*. Dawn iċ-ċentri, bl-għajnuna tal-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ, għandhom iniedu mentalità ġdida, u li fl-istess waqt tinsab fit-tradizzjoni nisranija, ta' formazzjoni u akkumpanjament spiritwali fost iż-żgħażagħ kollha li jixtiequ jagħmlu għażla iżjed profonda ta' Ġesù.

Hemm bżonn ukoll ta' ċentri ta' akkoljenza li fihom ma jkunx hemm għalfejn tinżamm ċerta formalità biex jkunu jistgħu jintużaw minn gruppi ta' żgħażagħ għal attivitajiet bħal *live-ins* u *weekends*.



# Kap IV

# KOMUNITÀ LI TIĊĊELEBRA

## Ċelebrazzjoni tal-ħajja

44

F'dan id-dokument qiegħda tingħata importanza liċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti ta' l-Ewkaristija u tar-Rikonċiljazzjoni. Din l-għażla ma tfissirx li s-sagramenti l-oħra huma inqas importanti, imma toħroġ fiċ-ċar kemm hu meħtieġ li ż-żgħażagħ jaraw li l-ħajja tagħhom ta' kuljum tiġi ċċelebrata u mqaddsa fil-komunità. Għalhekk ukoll għandhom jitħejjew atti liturġiċi li jkunu jesprimu l-ħajja tagħhom.

## Il-liturġija

45

Il-liturġija hija l-espressjoni u l-qofol tal-ħajja tal-Knisja miġbura flimkien. Fiha Alla jkellem lill-poplu tiegħu u Kristu jibqa' jħabbar l-Aħbar it-Tajba. Il-komunità tissieħeb f'dan id-djalogu permezz ta' talb u kant.[27] Fiha l-Ispirtu ta' Alla jxebbahna u jgħaqqadna ma' Kristu u jagħtina l-ħajja tiegħu, u hekk isaħħaħna fir-rabta mat-Trinità qaddisa, fil-komunjoni ta' bejnietna bħala Knisja u fil-qadi tal-missjoni li jafdalna f'idejna favur il-bnedmin l-oħra. Għalhekk, il-liturġija hija sinjal tal-preżenza ta' Alla fil-komunità u espressjoni tal-ħajja li tgħix il-komunità. Dan kollu jinħass b'mod l-aktar qawwi fiċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa.

## L-Ewkaristija: esperjenza ta' komunità li tilqa' u tiċċelebra l-ħajja

46

Iż-żgħażagħ ifittxu li jgħixu u jkollhom esperjenzi flimkien fi gruppi u l-liturġija toffri speċifikament dan l-spazju: komunità li qiegħda tiċċelebra u tgħaddi minn esperjenza flimkien. Tajjeb għalhekk li kulma jsir fil-liturġija

27 Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum Concilium* (4 ta' Diċembru 1963), 33. Ara wkoll id-dokument tas-Sinodu *Liturġija u Sagramenti.*

jibni u jgħaqqad din il-komunità u li jkun hemm rabta soda bejn il-quddiesa u l-attivitajiet l-oħra li jsiru fil-grupp.

Nagħrfu li f'ħafna parroċċi jista' jkun hemm tensjoni bejn ix-xewqa li ssir liturġija li tindirizza l-bżonnijiet partikolari taż-żgħażagħ u bejn ix-xewqa li ż-żgħażagħ jibqgħu magħqudin mal-bqija tal-komunità parrokkjali. Filwaqt li tajjeb li nagħrfu l-importanza taż-żewġ naħat, hemm periklu li jekk ma tingħatax din l-attenzjoni speċifika, iż-żgħażagħ jinqatgħu, għaliex l-atti liturġiċi li huma indirizzati lejn il-bqija tal-komunità kultant ma jkunux jolqtuhom. Nemmnu li ż-żgħażagħ għandu jkollhom l-ispazju tagħhom fil-liturġija, għalhekk tajjeb li tkun identifikata quddiesa tal-ħin biex tkun animata b'mod żagħżugħ għall-komunità kollha parrokkjali.

Filwaqt li wieħed joqgħod attent biex ma jinħolqux knejjes paralleli fi ħdan l-istess komunità, wieħed għandu wkoll jara li regolarment jiġi organizzat quddies speċifikament għaż-żgħażagħ fil-parroċċa f'post fejn jista' jiġi ċċelebrat b'mod ħaj. L-integrazzjoni mal-bqija tal-komunità għandha tkun frott ta' proċess ta' maturazzjoni fiż-żgħażagħ li ssir permezz tal-liturġija stess u ta' esperjenzi oħra ta' ħajja u ħidma fi ħdan il-komunità.

Il-quddiesa ta' nhar ta' Ħadd tajjeb li tkun il-qofol ta' l-attivitajiet taż-żgħażagħ matul il-ġimgħa kif ukoll tkun l-opportunità li tistieden u taħdem (*outreach*) ma' żgħażagħ li għadhom m'humiex involuti fil-pastorali fil-parroċċa.

## L-Ewkaristija: esperjenza sħiħa ta' għarfien ta' Kristu

47

Hemm bżonn li ż-żgħażagħ jiġu megħjuna u mħeġġa biex jiċċelebraw u jgħixu l-quddiesa bħala laqgħa speċjali ma' Kristu bħala Persuna ħajja - Ħabib, Mudell u Mulej - li jingħaqad magħhom fl-esperjenzi tagħhom biex jimliehom bil-ferħ u bil-kuraġġ, li jmexxihom lejn il-Missier, li jġarraf il-ħitan li jistgħu jinħolqu bejniethom jew ma' bnedmin oħra, u li jafdahom bix-xhieda għalih u jgħinhom iwettquha.

## L-Ewkaristija: integrata mal-ħajja

48

Hemm bżonn li l-quddiesa ma tkunx bħal xi doża barranija spiritwali iżda tkun parti integrali mill-ħajja tal-gruppi. Hu essenzjali li l-ħajja tal-gruppi tkun tinkludi wkoll id-dimensjoni spiritwali. Hawn toħroġ ir-rabta sħiħa bejn id-dimensjoni komunitarja u l-liturġija. Hemm bżonn jinbnew komunitajiet reali fejn jigi pprattikat u mħaddan il-kmandament ta' l-imħabba.

Il-liturġija ma tistax tkun mifruda mill-bqija tal-ħajja. Hemm bżonn li dak li ż-żgħażagħ ikunu ċċelebraw fil-quddiesa jgħixuh fil-postijiet varji tal-ħajja ta' kuljum tagħhom. B'hekk il-mejda Ewkaristika ssir iżjed ħajja.

## Il-kreattività taż-żgħażagħ

49

Importanti li ż-żgħażagħ stess ikunu nvoluti bis-sħiħ fit-tħejjijiet u fl-implementazzjoni, biex il-liturġija tassew tirrifletti dak li qed jgħixu u biex tkun sensittiva għall-bżonnijiet tagħhom. Riżorsi kbar li għandna fil-liturġija huma l-ħajja, l-enerġija u l-kreattività taż-żgħażagħ stess. Jekk nagħrfu ngħinuhom jużaw dawn l-elementi b'mod pożittiv, il-liturġija tkun verament ħajja. Hemm bżonn li nisfidawhom biex jużaw il-potenzjal kollu li hemm fihom, filwaqt li ninkuraġġuhom f'mumenti fejn jaslu jaqtgħu qalbhom. Fil-kamp tal-liturġija maż-żgħażagħ ma għandux jkun hemm biża' ta' sperimentazzjoni fl-ambjent u metodu, basta jibqgħu jiġu rispettati l-elementi bażiċi ta' kull ċelebrazzjoni liturġika.

Għandha tingħata importanza lill-ambjent biex il-Kelma ssir ħajja f'affarijiet li wieħed jista' jara, jisma', imiss u jxomm permezz ta' simboli u ġesti. It-tradizzjoni diġà tagħtina riti li jinkorporaw elementi li jmissu sensi differenti. Hemm bżonn li nerġgħu nibdew nużaw dawn l-elementi u li

ndaħħlu oħrajn ġodda permezz ta' mezzi differenti ta' *media,* biex l-esperjenza tkun waħda integrata, sħiħa u li tfisser ħafna.

## Ambjent li jilqa', lingwaġġ u simboliżmu

50

Iż-żgħażagħ jagħmlu minn kollox biex jikkomunikaw u jiltaqgħu ma' l-oħrajn. Dan għalhekk jagħmilhom miftuħin għall-esperjenza ta' komunità. Għandna l-opportunità, anki fil-liturġija, biex noħolqu l-ambjent li jgħin biex il-komunità tikber.[28]

Kemm jista' jkun, il-liturġija għandha tkun esperjenza li tindirizza liż-żgħażagħ b'lingwaġġ u b'simboliżmu li joħorġu mill-ħajja tagħhom, biex b'hekk tinftiehem il-Kelma f'kuntest ta' l-esperjenzi kollha li jgħaddu minnhom. Dawn is-simboli, kif ukoll l-istil kollu tal-liturġija, għandhom ikunu marbuta mal-kultura taż-żgħażagħ. Il-liturġija teħtieġ li tinkultura ruħha b'mod li ż-żgħażagħ jistgħu jidentifikaw ruħhom magħha. Kemm il-kliem li jintużaw kif ukoll enfasi speċifiċi għall-ħajja taż-żgħażagħ għandhom jiġu mogħtija l-akbar importanza.

Għandu jkun hemm koordinament sħiħ mas-Segretarjat għal-Liturġija biex jgħin ir-riżorsi jissaħħu u l-edukazzjoni tinfirex. Tajjeb li jiġu ffurmati *liturgy teams* li jkunu mħarrġa regolarment biex jagħrfu s-sinifikat ta' kull parti tar-rit liturġiku u jagħrfu japprezzaw it-tradizzjoni u kif se titwassal adegwatament f'liturġija li għandha tassew sinifikat għaż-żgħażagħ. Kemm is-saċerdot, kif ukoll il-lajċi li jmexxu lill-grupp li jipprepara l-liturġija, għandhom ikunu mħarrġa sew fil-mezzi ta' komunikazzjoni u tas-simboli preżenti fil-ħajja. B'hekk ikunu jistgħu jgħinu liż-żgħażagħ jiċċelebraw b'mod sħiħ. Għandha tingħata attenzjoni kbira lill-kant li jintuża waqt il-liturġiji

28 Ma hemmx bżonn ta' affarijiet elaborati. Elementi sempliċi li jistgħu jgħinu huma: xi nies li jilqgħuhom fil-bieb, nies li jkellmuhom wara, il-mod kif jitqiegħdu s-siġġijiet u kif ikunu l-ispazji liturġiċi, okkażjoni ta' *drinks* wara l-quddies.

mħejjija miż-żgħażagħ. B'hekk huma stess ikunu strumenti li jintroduċu l-bidliet meħtieġa waqt il-kant tal-quddies.

## Is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni

51

Ħafna żgħażagħ li jkollhom diffikultajiet u jabbandunaw is-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni jaslu jagħmlu dan għal numru ta' raġunijiet, xi wħud minnhom inkwetanti. Minbarra l-biża' u l-mistħija, li huma raġunijiet komuni li jingħataw miż-żgħażagħ, imma li bosta drabi jingħelbu, hemm in-nuqqas ta' fiduċja fil-qassisin, mistoqsijiet żejda li jistgħu jimbarazzaw lil dak li jkun, flimkien ma' raġunijiet oħra bħalma huma qtigħ il-qalb li xi kultant iħossu meta jaqgħu dejjem fl-istess dnubiet. Minħabba dawn ir-raġunijiet, u oħrajn, numru sostanzjali ta' żgħażagħ iħallu dan is-sagrament għal kollox jew jibqgħu b'ideja żbaljata tas-sagrament għax ftit li xejn ikollhom opportunitajiet li jkollhom tweġiba għal dawn il-mistoqsijiet, u jibqgħu jġorruhom għal żmien twil.

## Katekeżi u esperjenzi pożittivi

52

Għaldaqstant, hemm bżonn naslu għal tiġdid fil-prattika ta' dan is-sagrament fost iż-żgħażagħ. Għal dan jeħtieġ li jkun hemm:

(i) katekeżi mġedda fuq dan is-sagrament;
(ii) esperjenzi pożittivi taċ-ċelebrazzjoni tiegħu.

Aktar ma dawn ikunu qrib xulxin, aktar ikunu effettivi. Għalhekk, il-Knisja trid tieħu ħsieb li titwassal istruzzjoni reliġjuża fl-iskejjel u katekeżi fil-klassijiet tad-duttrina u fil-gruppi fejn jiltaqgħu ż-żgħażagħ u tara li dawn ikunu tassew imġedda. Ħafna żgħażagħ jisimgħu fuq il-qrar biss meta jkunu żgħar ħafna u ma jsibux tagħlim imġedded li jaqbel mal-bżonnijiet differenti tagħhom meta jikbru. Katekeżi mġedda għandha tinkludi tagħrif dwar kif

nistgħu nifhmu r-realtà tad-dnub f'ħajjitna, flimkien ma' l-aspetti differenti tar-rikonċiljazzjoni.

L-aħjar katekeżi hija dik li tkun, kemm jista' jkun, marbuta ma' l-esperjenza personali tas-sagrament stess, u hawnhekk ta' min jagħti importanza lil dawn il-punti:

(i) Għandhom isiru ċelebrazzjonijiet komunitarji tas-sagrament kif inhu spjegat fir-rit. Dawn jgħinu biex iż-żgħażagħ jifhmu aħjar l-aspetti komunitarji u soċjali tad-dnub, tal-konverżjoni u tar-rikonċiljazzjoni. Żgur li fl-iskejjel, fejn tista' ssir ħidma flimkien bejn l-għalliema tar-reliġjon u s-saċerdoti responsabbli mill-kura pastorali, hemm potenzjal kbir f'dan l-aspett. L-istess jgħodd għall-gruppi u l-movimenti, li għandhom joffru aktar opportunitajiet ta' rikonċiljazzjoni sagramentali lill-membri tagħhom.

(ii) Għandu jkun hemm iżjed opportunitajiet ta' qrar addattat għaż-żgħażagħ. Jista' jkun hemm postijiet fissi, f'diversi partijiet ta' Malta, fejn iż-żgħażagħ ikunu jafu li hemm saċerdoti disponibbli għall-qrar, u fejn ikun hemm ipprovduti għajnuniet għall-qrar taż-żgħażagħ. L-eżerċizzi tar-Randan u mumenti oħrajn importanti fis-sena liturġika u fil-ħajja tal-gruppi huma mumenti privileġġjati għal dan. Jista' wkoll ikun hemm xi saċerdoti disponibbli għall-qrar taż-żgħażagħ fi knejjes li huma magħrufa bħala santwarji, fejn imorru ħafna nies għal pellegrinaġġi. Iċ-ċentri ta' spiritwalità wkoll jista' jkollhom rwol speċjali f'dan.

(iii) Tajjeb ukoll li nkomplu nagħtu l-ħajja mill-ġdid lill-ideja ta' akkumpanjament spiritwali. Hawnhekk jista' jkollhom rwol speċjali ċ-ċentri ta' spiritwalità, il-komunitajiet reliġjużi, kif ukoll dawk li qed jaħdmu b'mod dirett maż-żgħażagħ. L-akkumpanjament spiritwali jista' jgħin biex il-qrar ikun realment marbut mal-ħajja kollha ta' l-individwu.

(iv) Tajjeb nieħdu ħsieb li jkollna ambjenti għall-qrar li jippermettu li dan is-sagrament jiġi ċċelebrat b'mod sabiħ u dinjituż.

(v) Għandu jkun hemm xi tip ta' *on-going formation* fuq dan is-sagrament għas-saċerdoti.



# Kap V

# ID-DJAKONIJA

## Preżenza ta' mħabba

53

Għaliex aħna dixxipli ta' Sid il-Ħajja, ta' dak li ġie biex jagħti ħajtu għall-kotra u dejjem wera mħabba u ħniena ma' min kien fil-bżonn, għandna r-responsabbiltà li nkunu preżenza ta' mħabba b'mod speċjali lejn dawk li huma dgħajfa, jew fil-bżonn.[29] Huwa essenzjali għalhekk li l-ħidma pastorali tagħna tkun differenzjata u flessibbli, u għalhekk indirizzata lejn iż-żgħażagħ kollha mingħajr ma teskludi lil ħadd.

Bl-istess mod huwa meħtieġ ukoll li ż-żgħażagħ jersqu lejn min hu fil-bżonn jew dgħajjef bl-istess spirtu ta' Kristu u f'għaqda miegħu, b'mod li mhux biss huma jaraw lil Kristu fil-proxxmu, iżda wkoll illi dawk li jirċievu l-għajnuna minn għandhom iħossu l-imħabba ta' Kristu fuqhom.

## Esperjenza ta' qadi

54

Il-ħidma pastorali maż-żgħażagħ m'għandhiex tkun sempliċiment ħidma għalihom, iżda trid tkun ħidma flimkien magħhom.Huma wkoll imsejħa biex ikunu l-melħ u dawl kull fejn ikunu. Fl-istess waqt, joħroġ ċar ħafna, minn studji li saru u mill-esperjenza kurrenti, kemm il-ħidma tad-djakonija jew qadi hi għal qalb iż-żgħażagħ. Għaldaqstant, fil-formazzjoni taż-żgħażagħ għandu jkun assigurat li kultant żmien ikun hemm esperjenza qawwija ta' djakonija u li, kemm jista' jkun, ikunu ż-żgħażagħ stess li joħolquha u jwettquha.

Iż-żgħażagħ għandhom jingħataw l-ispazju biex jagħtu sehemhom lejn socjetà aktar ġusta u ħanina billi jkunu involuti u mħeġġa jmexxu proġetti

[29] Ara d-dokument tas-Sinodu *Djakonija u Ġustizzja*.

għall-promozzjoni tal-ġustizzja u għall-ħtiġijiet ta' persuni fil-bżonn.[30]

Iż-żgħażagħ infushom għandhom jiġu mħeġġa u megħjuna jaqraw u janalizzaw is-soċjetà u l-kultura tagħna, u s-sitwazzjoni fil-grupp tagħhom, fid-dawl ta' l-Evanġelju, u b'hekk jaħdmu kontra kull tip ta' diskriminazzjoni u favur dawk li huma fil-periferija tas-soċjetà u tal-Knisja.

Tajjeb ukoll jekk wieħed ikompli joffri ħidma pastorali ma' għaqdiet u ċentri li, għalkemm għandhom ispirazzjoni u valuri nsara, m'humiex gruppi tal-Knisja. Dan għandu jsir dejjem fi spirtu ta' rispett kbir lejn l-identità tal-gruppi konċernati.

Dan kollu ma għandux itellef l-attenzjoni minn dawk iż-żgħażagħ li ma huma milħuqa minn ebda għaqda, u li jinsabu f'xi bżonn. Anzi, żgħażagħ bħal dawn għandhom jingħataw ċerta prijorità. Għandhom isiru proġetti ta' *outreach youth ministry* li jilħqu liż-żgħażagħ kull fejn ikunu.

## Pastorali inklużiva

55

Huwa fatt magħruf li ħafna żgħażagħ b'diżabilità għadhom ibatu minn diskriminazzjoni minħabba l-ħiliet differenti tagħhom. Huwa meħtieġ li l-Knisja tieħu inizjattivi pastorali ġodda biex tgħin lil dawn iż-żgħażagħ fl-oqsma edukattivi, soċjali, u billi ġġib 'il quddiem ħolqien ta' xogħol.

L-operaturi pastorali li huma responsabbli minn gruppi, attivitajiet, u ċentri taż-żgħażagħ għandhom jaraw li l-postijiet pastorali jkunu aċċessibbli. Għandhom ukoll jiżguraw li kull persuna żagħżugħa b'diżabilità jkollha kull opportunità biex jingħeleb kull xkiel ta' parteċipazzjoni u integrazzjoni fil-ħajja tal-Knisja. Il-Knisja, permezz tad-diversi organi tagħha,

30 Għandu jsir studju ta' kif inizjattivi nazzjonali li diġà qed isiru jistgħu jkunu aktar integrati fi strateġija djoċesana bil-għan li jintlaħaq koordinament aktar effettiv f'dan l-aspett tal-pastorali taż-żgħażagħ.

għandha tnissel kultura ta' aċċettazzjoni fost żgħażagħ li diġà jipparteċipaw fil-ħajja pastorali. Huwa meħtieġ li ż-żgħażagħ jingħataw iktar formazzjoni biex japprezzaw żgħażagħ b'diżabilità fil-komunità nisranija. Dan jista' jsir permezz ta' diversi inizjattivi edukattivi, soċjali jew permezz ta' opportunitajiet oħra ta' integrazzjoni.

Kategorija oħra bi bżonn ta' pastorali inklużiva huma dawk iż-żgħażagħ li skoprew l-identità omosesswali tagħhom. Studji reċenti juru kif hu proprju matul il-perjodu taż-żgħożija li persuna tagħraf tgħarbel l-identità sesswali tagħha. Minħabba l-konfużjoni li jistgħu jħossu, xi żgħażagħ jgħaddu minn perjodi koroh ta' nuqqas ta' aċċettazzjoni tagħhom infushom, biża' u rabja kontra s-soċjeta', il-Knisja, u Alla. Hu proprju f'dan il-perjodu ta' taqlib li l-Knisja trid tkun sinjal ta' Alla li jħobb billi tagħtihom l-opportunità li jintegraw ruħhom fil-Knisja u fis-soċjetà. Ikun f'loku li jkun hemm inizjattivi ta' servizzi pastorali, fid-dawl tat-tagħlim u b'fedelta' mal-prattika pastorali ġenwina tal-Knisja, li jibdew jaħdmu ma' dawn iż-żgħażagħ ħalli ma jħossuhomx imwarrbin mill-Knisja u, agħar, minn Alla.

## Attenzjoni lil żgħażagħ f'sitwazzjonijiet diffiċli

56

Attenzjoni partikolari għandha tingħata wkoll lil dawk iż-żgħażagħ li jinsabu f'sitwazzjonijiet li huma ta' theddida għas-saħħa jew għall-iżvilupp sħiħ tagħhom. Xi drabi dawn iħabbtu wiċċhom ma' sitwazzjonijiet li jistgħu jxekklu bil-kbir il-futur tagħhom. Il-Knisja trid taħdem mas-socjetà biex tindirizza l-bżonnijiet tagħhom. L-imħabba u l-ħniena li dawn il-persuni jirċievu hu mezz importanti biex huma jintebħu xi ftit kemm Alla jħobbhom, ukoll meta huma stess iħossu li ma ħaqqhomx ikunu maħbuba. Dawn is-sitwazzjonijiet jistgħu jinkludu:

(i) **Żgħażagħ li jkunu maqbudin f'ħajja ta' xi vizzju** bħax-xorb, droga jew logħob. F'dan il-qasam, hu importanti li l-Knisja tkompli żżomm ruħha aġġornata fuq il-mezzi kollha preventivi u terapewtiċi li jeħtieġu u tkompli toffri s-servizzi siewja li qed

tipprovdi. Importanti wkoll jiġi żviluppat l-aspett preventiv fejn hu ċentrali r-rwol ta' l-iskejjel, taċ-ċentri u tal-gruppi taż-żgħażagħ.

(ii) **Żgħażagħ li jsofru minn vjolenza jew abbuż ieħor**. Dawn għandhom bżonn għajnuna speċjalizzata sabiex jiġġieldu l-ħsara li tkun ġiet imposta fuqhom. Il-Knisja għandha tuża r-rizorsi possibbli favur dawn iż-żgħażagħ li għal xi raġuni jew oħra jeħtiegu fejqan mill-vjolenza. M'huwiex aċċettabbli li nuru biss simpatija lejn vittmi ta' vjolenza imma għandna nuru impenn favur li titwaqqaf kull tip ta' vjolenza fuq iż-żgħażagħ u miż-żgħażagħ. Tajjeb li l-Knisja taħdem id f'id mas-servizzi professjonali li qed toffri s-soċjetà tagħna u tiżgura li qatt ma tiġi nieqsa l-offerta reali ta' kura pastorali u spiritwali li hija mezz importanti fil-proċess ta' kura tal-persuna sħiħa (*holistic*).

(iii) **Żgħażagħ li jisfaw vittmi ta' sfruttament sesswali** minħabba pornografija jew prostituzzjoni. Il-pornografija daħlet sew fis-soċjetà tagħna u fil-familji Maltin permezz tal-mezzi tal-komunikazzjoni. Għalhekk huwa importanti li jsir studju serju dwar kif il-pornografija qed taffettwa l-valuri taż-żgħażagħ u l-familja Maltija. Jeħtieġ li wkoll permezz tal-*media* u inizjattivi edukattivi u soċjali, il-Knisja tesponi liż-żgħażagħ għal modi tajbin biex jifhmu s-sesswalità tagħhom u jesprimuha b'mod li jiċċelebraw il-ħajja vera.

Il-prostituzzjoni hija forma oħra ta' sfruttament sesswali b'mod partikulari maż-żgħażagħ. Nafu wkoll li mhux l-ewwel darba li jkun hemm anke minorenni involuti fil-prostituzzjoni. Il-Knisja trid toffri mezzi ta' kenn lil dawn iż-żgħażagħ u anke tfal li jisfaw vittmi. Ikun f'loku li l-kongregazzjonijiet reliġjużi, speċjalment dawk tan-nisa, jagħtu valur lill-ħidma pastorali ma' żgħażagħ li jispiċċaw fit-triq. Hemm bżonn li l-Knisja taġġorna l-mezzi u s-servizzi pastorali tagħha f'dan ir-rigward.

(iv) **Żgħażagħ li jkunu delinkwenti.** Huwa evidenti li, bosta drabi, id-delinkwenza tirriżulta minn nuqqasijiet fit-tfulija u nuqqas ta' opportunitajiet. Hawn tajjeb jinħolqu programmi ta' prevenzjoni u jiġu mħarrġa operaturi pastorali biex joffru dawn il-programmi fil-parroċċi b'mod partikulari fiċ-ċentri taż-żgħażagħ. Importanti wkoll li, fi spirtu ta' maħfra u mħabba, il-Knisja tagħraf il-ħtiġijiet

ta' żgħażagħ li nqabdu f'ċirku ta' delinkwenza u toffrilhom kura pastorali adegwata.

(v) **Żgħażagħ vittmi ta' faqar intellettwali.** Fis-soċjetà tagħna għandna bosta żgħażagħ li, minkejja li jkunu għaddew mis-sistema edukattiva, jibqgħu ma jiżviluppawx il-kapaċitajiet intellettwali tagħhom. Hu essenzjali li jkollhom l-opportunità li jkunu integrati b'mod sħiħ mal-komunità żagħżugħa. Proġetti li jistgħu jittellgħu minn xi wħud miż-żgħażagħ stess b'għajnuna professjonali jistgħu jkunu programmi edukattivi li jagħtu aktar opportunitajiet lil dawn iż-żgħażagħ.

Tajjeb li l-Knisja tiżviluppa l-aspett ta' fejqan spiritwali ta' dawn iż-żgħażagħ bħala parti integrali mill-proċess ta' fejqan. Tajjeb li tkun studjata l-possibbiltà ta' servizz ta' *pastoral counselling*, kemm għal dawk li qed jirċievu kura, kif ukoll għal dawk li qed jagħtuha. Tajjeb ukoll li, minn żmien għal żmien, persuni li qed jaħdmu f'dawn l-oqsma jingħataw l-opportunità li jiżviluppaw id-dimensjoni spiritwali tal-ħidma tagħhom permezz ta' rtiri u servizzi ta' akkumpanjament spiritwali.

## Pastorali fil-qasam tad-divertiment

57

Id-divertiment hu parti importanti ħafna fil-ħajja taż-żgħażagħ. Sfortunatament ma saret ebda riċerka reċenti li tista' tgħinna niżnu u nifhmu aħjar x'inhi s-sitwazzjoni preżenti fil-kamp tal-ħin ħieles. Imma nafu li:

(i) iż-żgħażagħ (bejn 18-il sena u 24 sena) Maltin, meta mqabbla ma' sħabhom żgħażagħ Ewropej, jagħtu aktar importanza lill-ħin tad-divertiment;[31]

(ii) f'dan l-aħħar żmien żdiedu sew iċ-ċentri tad-divertiment. Għalkemm Paceville għadu jista' jitqies bħala l-mekka tad-divertiment fost iż-żgħażagħ, wieħed jrid ukoll jieħu f'konsiderazzjoni Marsascala, Buġibba, u, bil-mod il-mod, fuq skala aktar ridotta, il-Belt Valletta.

[31] Ara *Values of Women and Men in the Maltese Islands,* 45, 50.

## Objettivi tal-ħidma pastorali fil-qasam tad-divertiment

58

L-għanijiet f'dan il-qasam għandhom ikunu li:

(i) ikun hemm stħarriġ li jista' jitfa' aktar dawl fuq dan il-qasam;

(ii) jinħaseb kif tista' tingħata formazzjoni sħiħa, anki fejn jidħol il-qasam tal-ħin ħieles;

(iii) ikun hemm aktar kollaborazzjoni bejn iċ-ċentri ta' l-istess żona f'dan il-qasam;

(iv) ikun hemm proċess ta' djalogu u ta' pastorali ma' għaqdiet u movimenti ta' reliġjożità popolari u wkoll ma' għaqdiet u movimenti mhux reliġjużi, b'mod partikolari dawk sportivi;

(v) ikunu inkuraġġiti forom ta' assoċjazzjonijiet bejn iż-żgħażagħ;

(vi) ikun hemm proċess ta' djalogu ma' dawk kollha li huma involuti fil-qasam ta' l-industrija tad-divertiment;

(vii) jiġu sensibilizzati ż-żgħażagħ stess biex jagħrfu l-isfruttament li qed isir minnhom minn xi spekulaturi u huma stess jorganizzaw azzjoni pożittiva kontra dan;

(viii) ikun ikkunsidrat kuntatt ma' djoċesijiet Ewropej biex tibda pastorali fost iż-żgħażagħ li jiġu Malta bħala studenti jew turisti.

## Pastorali ma' l-industrija tad-divertiment

59

Il-Knisja la għandha l-mezzi u lanqas ix-xewqa li tikkompeti fl-industrija tad-divertiment. Mill-banda l-oħra, il-Knisja hi interessata f'ħidma li tgħin biex l-Ispirtu ta' Kristu jidħol u jidher f'kull aspett tal-ħajja, inkluż dak tad-divertiment. L-attitudni tal-Knisja lejn il-postijiet tad-divertiment m'għandux ikun wieħed ta' suspett, wisq inqas wieħed ta' kundanna. Għal dan il-għan il-Knisja, permezz tal-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ, għandha tniedi proċess ta' djalogu ma' intraprendituri u ġenituri dwar kif tista' tiġi mħarsa aħjar id-dinjità tal-bniedem, is-sigurtà, u r-rispett għall-

ambjent fil-qasam tad-divertiment filwaqt li jinħolqu inizjattivi ġodda li jistgħu jiinħadmu f'kollaborazzjoni bejniethom.

Tajjeb li l-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ teħodha bħala responsabbiltà tagħha li tkun il-vuċi taż-żgħażagħ. Wara li tagħmel l-istħarriġ meħtieġ, għandha titkellem kull darba li jsir sfruttament fuq iż-żgħażagħ u fuq il-ħaddiema f'dawn il-postijiet tad-divertiment, kif ukoll meta b'xi mod ma tiġix imħarsa d-dinjità tal-bniedem.

Tajjeb li jingħata taħriġ lill-operaturi pastorali fuq il-metodu ta' *outreach* u *detached youth work* biex ikollna aktar operaturi li jaħdmu fil-qasam tad-divertiment. Għandha tkun imfaħħra u inkurraġġita kull pastorali li timmira li taħdem f'dan il-qasam. Tajjeb li jiżdiedu r-riżorsi u kuntatti li huma relatati mal-kamp ta' l-*outreach*. Ikun xieraq li jingħata l-appoġġ meħtieġ lil dawk l-għaqdiet, il-movimenti, l-ordnijiet jew il-kongregazzjonijiet li diġa nedew jew jixtiequ jibdew proġetti f'dan il-qasam.

## Pastorali ma' żgħażagħ studenti u turisti

60

Tul dawn l-aħħar snin kien hawn żieda kbira fin-numru ta' żgħażagħ li jżuru lil Malta. Fid-dawl ta' l-istedina tal-Papa biex Malta tkompli l-ħidma tagħha fil-promozzjoni tad-dinjità tal-bniedem,[32] tkompli bla heda tiżviluppa l-vokazzjoni missjunarja tagħha[33] u tgħix is-sejħa tagħha bħala pont bejn il-kulturi,[34] il-Knisja f'Malta trid toffri s-servizzi pastorali tagħha anki lil żgħażagħ mhux Maltin li jżuru xtutna.

32 Ara Ġwanni Pawlu II, Diskors fiċ-Ċerimonja ta' Merħba, Ajruport Internazzjonali ta' Malta (8 ta' Mejju 2001).

33 Ara Ġwanni Pawlu II, Omelija fuq il-Fosos, Floriana, Malta (9 ta' Mejju 2001).

34 Ara Ġwanni Pawlu II, Diskors tat-Tluq, Ajruport Internazzjonali ta' Malta (9 ta' Mejju 2001).

B'koordinament mas-Segretarjat għall-Emigrazzjoni u t-Turiżmu, tajjeb li jinbdew kuntatti mal-Konferenzi Episkopali fl-Ewropa biex tiġi ppjanata ħidma pastorali ma' dawn iż-żgħażagħ. Bl-għajnuna tas-Segretarjat għall-Emigrazzjoni u t-Turiżmu, xieraq li jinbeda wkoll proċess ta' djalogu ma' intraprendituri Maltin li qed jaħdmu f'dan is-settur. Għandu jkun hemm ukoll edukazzjoni tal-familji Maltin li qed jilqgħu għandhom għadd kbir ta' żgħażagħ kull sena.

F'dan il-qasam hemm potenzjal kbir, kemm għall-formazzjoni taż-żgħażagħ Maltin, kif ukoll għal dak tal-barranin. Tajjeb li l-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ tħeġġeġ iċ-ċentri u l-għaqdiet taż-żgħażagħ biex jorganizzaw attivitajiet rikreattivi, soċjali, kulturali u reliġjużi ma' skejjel tal-lingwi. Dan għandu jagħti opportunita' liż-żgħażagħ għal formazzjoni għall-globalità u l-unità.



# Kap VI

# PRINĊIPJI-GWIDA
# GĦALL-ĦIDMA PASTORALI
# MAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

1. Aħna, bħala l-Knisja ta' Kristu f'Malta, nagħrfu li l-ħidma pastorali maż-żgħażagħ u taż-żgħażagħ hi essenzjali għall-ħajja tal-Knisja u għalhekk il-Knisja ma tistax tgħaddi mingħajrha.

2. Għaldaqstant, irridu li l-ħidma pastorali maż-żgħażagħ u taż-żgħażagħ tkun tweġiba tal-Knisja għall-bżonnijiet taż-żgħażagħ, filwaqt li tagħti opportunità liż-żgħażagħ stess jaqsmu l-fidi, id-doni, it-talenti, il-kreattività, il-viżjoni u l-enerġija tagħhom mal-komunità.

3. Irridu nagħrfu li ż-żgħażagħ m'humiex biss proġett futur imma huma membri responsabbli, sħaħ u preżenti tal-Knisja u tas-soċjetà li jistgħu, u ħafna drabi, fil-fatt, jagħtu kontribut. Għaldaqstant huma riżorsi importanti u għalhekk hu essenzjali li:

(i) nagħrfu u nagħtuhom is-setgħa (*empowerment*) li jużaw id-doni u l-kreattività tagħhom;

(ii) nagħtuhom rwoli sinifikanti ta' tmexxija u ta' ħidma. Għal dan il-għan irridu nagħtuhom is-setgħa (*empowerment*) bit-tagħrif u ħiliet meħtieġa biex ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod sħiħ;

(iii) ninkuraġġuhom jagħtu l-kontribut tagħhom;

(iv) inkunu miftuħa tassew biex nisimgħu dak li l-Ispirtu qed jgħid lill-Knisja ta' llum permezz tagħhom u nkunu umli biżżejjed biex nagħmluh.

4. Irridu li l-Knisja teżamina s-sitwazzjoni preżenti u l-prijoritajiet tagħha biex tqis kemm iż-żgħażagħ huma fil-fatt integrati fil-ħajja u l-missjoni tagħha.

5. Irridu li ż-żgħażagħ jagħrfu li r-rwol tagħhom fil-Knisja hu validu u importanti.

6. Irridu li l-Knisja tkompli tagħraf li trid toħroġ dejjem minnha nfisha biex taqsam l-esperjenza tagħha tal-Mulej Ġesù ma' dawk li huma fil-periferija jew anki li huma kompletament indifferenti lejha.

7. Irridu ngħixu maż-żgħażagħ il-viżjoni ta' Ġesù, viżjoni li toffri sfida u tagħti sens u togħma lill-ħajja b'mod li taqta' l-għatx tagħhom li jagħmlu parti minn avventura li tiswa.

8. Irridu noffru modi konkreti biex iż-żgħażagħ ikunu jistgħu jesperjenzaw l-isfida, l-entużjażmu u l-avventura li toffri l-esperjenza tad-dixxipulat ta' Ġesù u biex din l-esperjenza tkun tista' ssir dejjem iżjed profonda.

9. Irridu nxerrdu valuri insara bħall-imħabba, l-onestà, il-kuraġġ, il-paċi u l-ħidma bla vjolenza, il-fedeltà, il-kastità, ir-rispett għall-ħajja, il-ħniena u s-solleċitudni, is-servizz, il-ġustizzja soċjali, l-integrità, u r-responsabbiltà, anki lejn il-komunità.

10. Irridu noffru ħbiberija u akkumpanjament spiritwali u ngħinu liż-żgħażagħ iħossu l-bżonn ta' ħajja spiritwali u tat-talb. Irridu wkoll noffru l-possibbiltà reali li jkollhom sehem sħiħ fil-ħajja sagramentali tal-Knisja, b'mod speċjali l-Ewkaristija u l-Qrar.

11. Irridu li jkun hemm il-possibbiltà reali ta' liturġija kreattiva, ħajja u li tfisser ħafna għaż-żgħażagħ, liturġija li tiġi mħejjija bis-sehem sħiħ taż-żgħażagħ infushom.

12. Irridu li l-ħidma maż-żgħażagħ tkun strateġika, professjonali u *accountable*. Irridu li jkun hemm strutturi adegwati li fihom issir riflessjoni dwar il-bżonnijiet differenti, formulazzjoni ta' strateġiji u programmi, implementazzjoni tagħhom, u *monitoring* tal-ħidma kollha maż-żgħażagħ fid-dawl ta' prinċipji pastorali u etiċi.

13. Irridu li l-ħidma tagħna ma tkunx biss imsejsa fuq ħidma eżekuttiva imma tinkorpora elementi u mumenti ta' riflessjoni fejn nieqfu naħsbu u naraw 'il fejn irridu mmorru u kif se nagħmlu dan, u fuq kollox x'ikun irid il-Mulej minna f'dak il-mument.

14. Irridu, kemm hu possibbli, li nkunu miftuħa għall-bżonnijiet kollha taż-żgħażagħ. B'hekk irridu li l-ħidma pastorali maż-żgħażagħ tiġbor ħafna dimensjonijiet u ma tkunx magħluqa għal dimensjoni waħda biss bħal dik reliġjuża jew soċjali. Nagħrfu wkoll li m'huwiex iż-żmien ta' struttura jew strateġija waħda pastorali li kapaċi twieġeb għall-bżonnijiet kollha taż-żgħażagħ kollha. Għaldaqstant irridu nkunu aktar strateġiċi aħna u niffokaw fuq il-bżonnijiet ta' persuni u gruppi speċifiċi li nixtiequ nilħqu filwaqt li naħdmu flimkien b'ħafna flessibbiltà.

15. Irridu li jkollna varjetà ta' programmi u strateġiji li jindirizzaw il-bżonnijiet u s-sitwazzjonijiet li dejjem qed jinbidlu taż-żgħażagħ. Dawn jistgħu jinkludu diversità ta' programmi li jvarjaw skond l-età, programmi oħra li huma indirizzati għall-familji, oħrajn li jolqtu ġenerazzjonijiet differenti flimkien, oħrajn għall-komunità sħiħa flimkien, oħrajn indirizzati għall-iskejjel, oħrajn għal gruppi jew komunitajiet żgħar, oħrajn li jistgħu jsiru fil-familja jew fil-koppja, oħrajn li jsiru *one-to-one* jew fi programm ta' *mentoring* u programmi li huma *self-directed*. Irridu wkoll li jkun hemm varjetà ta' orarji u programmi biex nolqtu l-bżonnijiet differenti.

16. Irridu li jintużaw mezzi differenti ta' komunikazzjoni, fosthom l-aktar avvanzati, biex naslu dejjem aktar għand kulħadd, b'lingwaġġ li jinftiehem tajjeb illum.

17. Irridu ninvolvu l-familji, il-parroċċi u tant gruppi reliġjużi, volontarji, u oħrajn fil-ħidma tagħna maż-żgħażagħ.

18. Irridu wkoll li jsiru kuntatti ma' gruppi u kummissjonijiet oħra li jaħdmu maż-żgħażagħ f'pajjiżi u fi knejjes oħra biex ikun jista' jsir qsim ta' riżorsi u esperjenzi. Dan jista' jsir fuq kull livell ta' ħidma pastorali.

19. Irridu li punt fokali ewlieni f'ħidma pastorali effettiva maż-żgħażagħ ikunu r-relazzjonijiet u l-possibbiltà li nimxu flimkien biex insibu lilna nfusna u lil Alla permezz tagħhom. Irridu nagħtu importanza wkoll lir-relazzjonijiet bejn il-ġenerazzjonijiet fejn iż-żgħażagħ ikunu jistgħu jagħrfu adulti li jservu ta' *mentors* jew anki *role models*.

20. Irridu naħdmu flimkien bħala *youth ministers*, *youth leaders,* kollaboraturi, volontarji u oħrajn anki għaliex relazzjonijiet sbieħ jagħtu xhieda qawwija tal-preżenza ta' Ġesù ħaj. Irridu wkoll li jkun hemm kollaborazzjoni, koordinament u komunjoni kemm jista' jkun sħaħ bejn gruppi differenti fl-istess parroċċa jew anki f'ambjent usa', filwaqt li tiġi mħarsa l-identità partikolari ta' kull grupp involut.

21. Irridu wkoll li ngħinu sabiex il-gruppi kollha li b'xi mod jaħdmu b'riżq iż-żgħażagħ jaħdmu flimkien. B'hekk inkunu nistgħu flimkien noffru aktar għajnuna u sostenn lil żgħażagħ li b'xi mod qegħdin ibatu.

22. Irridu ninvolvu liż-żgħażagħ fi proġetti u attivitajiet, filwaqt li nafdawhom bir-responsabbiltà għalihom. Iridu jaraw li l-isforzi tagħhom, f'li jgħinu b'mod partikolari l-foqra u d-dgħajfa u f'li jipproponu strutturi ġodda aktar ġusti, huma importanti u rilevanti.

23. Irridu nagħtu s-setgħa (*empowerment*) liż-żgħażagħ biex isiru għajn ta' rikonċiljazzjoni u fejqan għas-soċjetà u l-parroċċi tagħna. Irridu flimkien inġibu 'l quddiem kultura ta' djalogu, ftehim, rispett u tolleranza quddiem min hu differenti: fl-idejat, fl-età, fil-kultura, fir-reliġjon.

24. Irridu nagħtu s-setgħa (*empowerment*) biex iż-żgħażagħ janalizzaw u jikkritikaw il-ħajja u l-kultura kontemporanja fid-dawl ta' l-Aħbar it-Tajba ta' Ġesù.

25. Irridu naraw li l-ħidma taż-żgħażagħ ma tkunx iżolata mill-ħidma tal-bqija tal-Knisja. L-isforzi u l-ħidma tagħhom huma parti sħiħa tal-ħidma tal-Knisja.

26. Irridu li l-Knisja, wara li tagħmel l-istħarriġ meħtieġ, titkellem kull darba li jsir sfruttament fuq iż-żgħażagħ jew li jaffettwa liż-żgħażagħ, kif ukoll meta ma tiġix imħarsa d-dinjità tal-bniedem. Dan minħabba li l-vuċi taż-żgħażagħ, għal raġunijiet demografiċi, tant drabi ma tinstemax biżżejjed fis-soċjetà u għalhekk tajjeb li jkun hemm min isaħħaħ il-vuċi tagħhom.

27. Irridu nkunu ta' sostenn għaż-żgħażagħ filwaqt li jkunu qed jagħmlu deċiżjonijiet għal impenji aktar jew inqas twal f'ħajjithom b'mod speċjali huma u jfittxu li jagħrfu l-vokazzjoni tagħhom fil-Knisja u fis-socjetà. Irridu nimxu magħhom huma u jagħrfu l-ħidma ta' l-Ispirtu ta' Alla f'ħajjithom.

28. Fl-aħħarnett, dan id-dokument ma jippretendix li ttratta t-temi kollha fil-qasam tal-pastorali taż-żgħażagħ, iżda żgur li jixtieq ikun bidu ġdid. Il-Knisja f'Malta trid:

(i) tagħraf il-ħidma kreattiva ta' l-Ispirtu fost iż-żgħażagħ;
(ii) tisma' lil Alla tal-ħajja hekk kif inhu ċċelebrat miż-żgħażagħ;
(iii) timxi maż-żgħażagħ fis-sitwazzjonijiet kollha li jinsabu fihom;
(iv) tieħu r-responsabbiltà li tkompli tixtarr is-sinjali taż-żminijiet sabiex tkompli dejjem iġġedded l-impenn tagħha fost iż-żgħażagħ Maltin.

29. Dan kollu noffruh f'riġlejn Marija, Omm iż-żgħażagħ,
biex il-ħidma tagħna tkun għall-akbar glorja ta' Alla,
Missier iż-żgħażagħ,
l-Iben, li hu sid il-ħajja,
li jidħol fl-istorja personali tagħna, u
li jimxi magħna dejjem, u
l-Ispirtu Mulej li jagħti l-ħajja.

*Pubblikazzjoni ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta, 2003*

*ISBN: 99932 - 49 - 11 - 2*